# IL-PULIZIJA

Ħarġa Speċjali



Vol. 7 No. 4

30
John's Garage
LIMITED
1958 1988
YEARS OF SERVICE

# Win a Fly Away Tours to London for two with John's Garage

Get your free ticket by booking your Wedding Cars now or at any time in 1988. Give yourself a chance to win a Honeymoon Trip to London.



John's Garage Ltd
Villambrosa Street
Hamrun
Tel: 228745 - 605038





MELITENSIA
26 OCT 1988

IL-PULIZIJA

LULJU-AWISSU 1988
(Ħarġa Speċjali)

Organu tal-Pulizija
Stampat fil-Union Press
Editur: P.C. 512 Martin Ellul
Bord Editorjali:
President: Spettur J. Agius.
Membri: Surġent 1337 C. Curmi; P.S. 1350 J. Borda;
P.S. 1265 L. Bondin; W.P.C. 45 M. Bartolo.

**KOPERTINA:**

**Il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred A. Calleja jingħata s-salut waqt il-Parata tat-12 ta' Lulju 1988 li saret fl-okkażjoni ta' 'Jum il-fondazzjoni tal-Pulizija'.**

Ritratt tal-kopertina meħud minn P.C. 720 A. Borg.

***EDITORJAL***

# IL-PULIZIJA.... FOST L-ITQAL VOKAZZJONIJIET

*Matul il-mija, erbgħa u sebgħin sena li l-Korp tal-Pulizija ilu mwaqqaf fis-sura ftit jew wisq li nafuh illum, bosta kienu dawk iċ-ċittadini li ngaġġaw fih, ħadmu fi ħdanu u servew lil pajjiżhom f'waħda mill-aktar pożizzjonijiet diffiċli li fiha wieħed jista' jagħżel biex jaqdi s-soċjetà. Xi wħud minn dawn ġarbu ġrieħi, sofrew theddid lilhom u lil familjari tagħhom, irċevew insulti li kellhom jissaportu talli qdew dmirhom kif suppost.*

*Il-Pulizija hu mistenni li jaħdem fi kwalunkwe ħin tal-ġurnata jew lejl, hu marbut bid-dixxiplina tas-servizz, irid joqgħod aktar attent minn ħaddieħor, għaliex dellu tqil ħafna u l-iċken nuqqas tiegħu jista' jiġi mkabbar bla proporzjon ta' xejn, il-ħin kollu espost għal periklu personali u fuq kollox għandu jkun hemm kumpens aktar xieraq għax-xogħol iebes tal-Pulizija. Kumpens skoraġġanti jwassal lil xi wħud biex jaħsbu li huma ċittadini nferjuri minn sħabhom.*

*Dan ifisser li, la darba wieħed jagħżel il-Korp tal-Pulizija bħala karriera tiegħu, allura għandu jħossu parti ntegrali u mportanti mill-makkinarju li d-dmir tiegħu hu fost l-aqwa u l-għola fil-pajjiż, u għalhekk iħossu onorat li ġie magħżul biex jagħti dan il-kontribut.*

*Meta wieħed jikkonsidra kif – wara medda ta' tant snin, minkejja dawn l-iżvantaġġi kollha, xorta hemm mijiet ta' persuni li jridu jidħlu fil-Korp u jagħmlu minnu l-karriera ta' ħajjithom, – bilfors irid jikkonsidra għaliex jiġri dan. Jasal għall-konklużjoni li l-Pulizija hija vokazzjoni bħal ma huma xogħlijiet oħra. Id-differenza hi – li hi fost l-itqal.*

*Tul dawn is-snin kollha, bosta kienu l-membri li ġew, taw*

•*ikompli f'paġna 3*

UNIVERSITY OF MALTA
MELITENSIA
MAIN LIBRARY

## F'Din il-Ħarġa

Messaġġ mill-Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija s-Sur Alfred A. Calleja fl-okkażjoni ta' "Jum il-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija u l-Ftuħ ta' l-Akkademja tal-Pulizija"....2
Il-Pulizija u l-Kommunità – Ġimgħa ta' Attivitajiet mill-Korp tal-Pulizija ................3/4/5/6/7/8/9/10
Mill-Assoċjazzjoni tal-Pulizija......................11/12
An invitation from a group of H.M.S. Ark Royal..........12
Għaliex Akkademja......................13
Il-Fortizza ta' Sant Iermu ....13/18
Il-Ftuħ ta' l-Akkademja tal-Pulizija – Id-diskors ta' l-Onor. Ministru Dr. Guido DeMarco LL.D., M.P. ........15/16/17/18
Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti.........19/20/21/22
Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'Jum il-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija – id-diskors ta' l-E.T. Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca ...23
Il-Kummissarju s-Sur Alfred A. Calleja jiltaqa' ma' l-Old Boys ta' Stella Maris College..................24
Spetturi u Surġenti ġodda fil-Korp tal-Pulizija ............25
Pulizija Nisa ġodda fil-Korp tal-Pulizija..................26/28
Il-Mulej Alla fil-Ġimgħa tal-Pulizija..................27/28
Jum il-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija..................29/30
Ix-xewqa ta' bosta membri tal-Korp tal-Pulizija... issir realtà..................31
Mill-Entertainment Committee....................32/33
Sports ....................................34



*Il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred A. Calleja*

# Messaġġ mill-Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija IS-SUR ALFRED A. CALLEJA fl-okkażjoni ta'

# "JUM IL-FONDAZZJONI TAL-KORP TAL-PULIZIJA" U "IL-FTUĦ TA' L-AKKADEMJA TAL-PULIZIJA"

**Inħossni kburi li għall-ewwel darba l-Korp tal-Pulizija qed ifakkar 'JUM IT-TWAQQIF TIEGĦU' bi programm ta' attivitajiet bit-tema prinċipali 'IL-PULIZIJA U L-KOMUNITÀ'.**

**L-iskop ewlieni ta' dawn l-attivitajiet huwa t-tisħiħ tar-relazzjonijiet eżistenti bejn il-pubbliku u l-Korp. Matul din il-ġimgħa l-pubbliku se jkollu l-opportunità li jara aktar mill-qrib ix-xogħol li tagħmel il-Pulizija mill-għases tagħha.**

**Huwa pjaċir tiegħi wkoll, li wara tant ħidma, mill-Onor Dr Guido Demarco, Viċi-Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, kif ukoll mill-Kmandant ta' l-Akkademja, id-Deputat Kummissarju s-Sur Anthony Mifsud Tomasi, id-Deputat Kmandant il-Kurunell K. Valenzia u r-Reġistratur, Dr Guido Saliba LL.D., u dawk kollha li taw sehem f'din il-ħidma, nara l-ftuħ ta' l-Akkademja tal-Pulizija fil-Forti Sant Iermu, il-Belt Valletta.**

**Inħossni fiduċjuż li din se sservi biex tgħin lil Korp jattrezza ruħu aħjar permezz tat-taħriġ akkademiku li se jingħata. B'hekk il-Pulizija tkun tista' taqdi dmirijietha aħjar.**

**Nixtieq nappella lil kulħadd biex ikompli jagħti sehmu biex il-ħidma tal-Korp tissaħħaħ, għall-ġid tal-komunità kollha. B'dan il-mod ġieh il-Korp f'għajnejn il-poplu jkompli jiżdied.**

**ALFRED A. CALLEJA.**

# IL-PULIZIJA U L-KOMUNITÀ

**Biex ifakkar il-jum tat-twaqqif tiegħu, il-Korp tal-Pulizija għall-ewwel darba għamel programm ta' attivitajiet bit-tema "Il-Pulizija u l-Komunit".**



*10 ta' Lulju 1988: Tberik ta' l-oqbra tal-Korp fiċ-Ċimiterju ta' l-Addolorata.*

## EDITORJAL *(minn paġna 1)*

*sehemhom, u marru. Dawk li għadhom ħajjin għadhom iħossuhom membri tal-Korp – avolja pensjonanti. Kull membru tal-Korp għandu l-inkarigu li jippreżenta 'challenge' biex jagħmel isem tajjeb lil Korp. Jasal żmien li kull membru jispiċċa u jidħol ħaddieħor minfloku. Imma meta jasal iż-żmien, kull membru tal-Korp li jispiċċa għandu jħossu kburi bis-servizz li ta lejn is-soċjetà.*

*Il-Bord Editorjali ta' dan il-perjodiku jixtieq li kull membru tal-Korp jħossu kburi – hu x'inhu l-grad tiegħu. Meta jiġi biex jitlaq, ikollu s-sodisfazzjon li lil ta' warajh se jħallilhom Korp serju u li minkejja dak kollu li jħarbxu fuqu nies bla ebda sens ta' dover u nies kriminali, igawdi r-rispett tas-soċjetà li, wara kollox, qiegħed hemm sabiex jipproteġiha.*

## ĠIMGĦA TA' ATTIVITAJIET MILL-PULIZIJA

**10 ta' Lulju -17 ta' Lulju 1988**

**•BĦALMA qal preċiżament il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja f'messaġġ li għamel apposta dwar l-attivitajiet li saru, bi skop ewlieni tagħhom kienu t-tisħiħ tar-relazzjonijiet li jeżistu bejn il-pubbliku u l-korp.**

**Matul il-ġimgħa ta' attivitajiet organizzati mill-Korp tal-Pulizija, il-pubbliku Malti kellu l-opportunità li jara aktar mill-qrib ix-xogħol li tagħmel il-Pulizija mill-għases, uffiċini u ħafna xogħol ieħor. Ma' dan kollu, wieħed irid bilfors isemmi l-ftuħ ta' l-Akkademja tal-Pulizija li sar mill-Viċi Prim Ministru l-Onor G. Demarco fit-12 ta' Lulju 1988, preċiżament f'jum il-fondazzjoni tal-Pulizija.**

Biex tiftaħ il-ġimgħa ta' attivitajiet il-Korp tal-Pulizija ħaseb li jfakkar lil dawk li ħadmu fil-Korp qabilna u llum m'għadhomx f'din id-dinja. Għaldaqstant nhar il-Ħadd, 10 ta' Lulju 1988, bdejna l-programm fid-9 ta' fil-għodu fejn saret quddiesa fil-Kappella taċ-Ċimiterju b'sufraġju għal ruħhom.

Għal din il-quddiesa attendew il-Kummissarju tal-Pulizija u bosta uffiċjali għolja u membri tal-Korp. Attendew ukoll il-Viċi Prim Ministru l-Onor. G. Demarco u ħafna membri oħra tal-familji tal-pulizija mejtin.

Wara l-quddiesa saret komposta minn 37 membru tal-Korp immexxija mill-Ispettur Harold Harrison, minn ħdejn il-Kappella sa fuq l-oqbra tal-pulizija. Wara li saret iċ-ċerimonja tat-tberik,

## IL-PULIZIJA U L-KOMUNITÀ

### ĠIMGĦA TA' ATTIVITAJIET MILL-KORP TAL-PULIZIJA 10-17 ta' Lulju 1988

tpoġġew kuruni tal-fjuri mill-Kummissarju tal-Pulizija, mill-Ispettur Harrison, mill-pensjonanti, MPA u ħafna oħra. Wara li ndaqqu l-Last Post u Revalee, il-kontinġent tal-Pulizija ħalla l-oqbra tal-Pulizija fejn komplew sejrin bil-March Pass sal-Main Gate taċ-Ċimiterju.

Fl-istess jum, fil-ħdax ta' fil-għodu nfetħet wirja ta' hobbies tal-membri fil-Korp tal-Pulizija mill-Kummissarju tal-Pulizija fl-Annex ta' San Ġwann ġewwa l-Belt.

Għal din il-Hobby Exhibition kien hemm tmintax-il esibitur li esibew diveri oġġetti, bħal tapestry, fotografija, mudelli ta' ajruplani, vapuri, badges tal-pulizija brieret tal-pulizija u ħafna affarijiet oħra. Din il-wirja damet miftuħa mill-10 ta' Lulju sas-17 ta' Lulju 1988.

L-esibituri kollha ngħataw ċertifikat tal-parteċipazzjoni tagħhom mill-Ministru G. Demarco fl-għeluq ta' l-esibizzjoni nhar il-Ħadd, 17 ta' Lulju 1988.

Fis-7.00 p.m. ġewwa t-Trade Fair, in-Naxxar, kien hemm wirja imtella' minn żwiemel, klieb u muturi tal-Pulizija. Għal din il-wirja attendew bosta nies li kienu preżenti fejn applawdew għal dak kollu li raw.

### IT-TNEJN, 11 TA' LULJU 1988

Din il-ġurnata ġiet iddedikata, l-Għassa tal-Pulizija tal-Mosta fejn saret 'open day'. Membri tal-pubbliku attendew l-għassa fejn anke staqsew xi mistoqsijiet dwar ix-xogħol tal-pulizija. Fis-sebgħa ta' fil-għaxija kien hemm daqq ta' mużika mill-"Police Musical Group", u kien hemm attendenza minn żwiemel, klieb u muturi tal-Pulizija.



*Is-Sezzjoni tal-Muturi tat-Traffiku.*



*Membri tad-'Dogs Section"*

### IT-TLIETA, 12 TA' LULJU 1988

## Jum il-Fondazzjoni tal-Pulizija

Għal din il-ġurnata saru ħafna preparamenti biex tiġi ċċelebrata bl-aktar mod possibbli. Bdejna minn ġimgħat qabel bil-preparamenti ta' x'għandu jsir. Bdew ir-rehearsals tal-parata.

10 ta' fil-għodu: Triq ir-Repubblika l-Belt normali, inbidlet fi triq spettaklu hekk kif il-parata daħlet minn taħt il-mina ta' Putirjal. In-nies preżenti applawdew hekk kif l-ewwel ma daħlet id-defilè komposta minn muturi tat-taqsima tat-traffiku, sezzjoni klieb, żwiemel tal-Pulizija, vetturi tal-Pulizija. Wara dawn daħlu kontinġent ta' pulizija mill-SAG immexxija mill-Ispettur R.G. Zammit li kienu akkumpanjati minn vetturi li jintużaw mill-istess skwadra.

Wara li spiċċat id-defilè, kien imiss il-parata. Din kienet akkumpanjata mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta li minn kull fejn għaddew ħadu applawsi meritati mingħand il-pubbliku preżenti li baqgħu jżommu

7UP®

# THE CHOICE OF A SUPERSTAR



The star studded "accent" bathroom suite could have been specially designed for the famous star Joan Collins.

The bathroom collection with space age lines is the ideal bathroom for all who, like superstar Joan Collins, love the exclusive and unusual — and want luxury even in the bathroom.
Ideal Standard, your ideal bathroom.

Ideal Standard

*Available from Ideal Standard's Sole Agents and Distributors in Malta:*

**ROGER SATARIANO & SON LTD.**

**122 Msida Valley Road, B'Kara, Tel: 442769, 491017**

## IL-PULIZIJA U L-KOMUNITÀ

### ĠIMGĦA TA' ATTIVITAJIET MILL-KORP TAL-PULIZIJA 10-17 ta' Lulju 1988

l-kuraġġ tal-membri tal-parata sa l-aħħar ħinijiet.

Hekk kif il-parata waslet fi Pjazza San Ġorġ, quddiem il-Palazz, l-Onor. G. Demarco, il-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, spezzjona l-parata. Wara li saret l-ispezzjoni, il-parata taħt it-tmexxija tal-Parade Commander l-Ispettur Harold Harrison għamlet display fost ċapċip kontinwu mill-folla kbira li nġabret biex tara l-ewwel parata li qatt saret biex tfakkar "Jum il-Fondazzjoni tal-Pulizija".

Wara d-display l-parata reġgħet ħarġet minn Triq ir-Repubblika fejn baqgħet sejra lejn il-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija fil-Furjana.

Għal dan il-jum l-Entertainment Committee tal-Korp tal-Pulizija qassam boroż tal-ħelu u Safari juices lit-tfal preżenti li attendew minn diversi skejjel ta' Malta u oħrajn li kienu preżenti mal-ġenituri tagħhom fi Triq ir-Repubblika. Barra minn hekk tqassmu wkoll stickers bl-emblema ta' l-Akkademja tal-Pulizija lill-pubbliku preżenti.

Fis-7.00 p.m. fil-Kon-Kattidral ta' San Ġwann, il-Belt, saret qud-

*It-trasport użat mill-membri ta' l-SAG.*



*Is-Sezzjoni tal-Kavallerija (isfel, xellug) u karozzi tad-diversi Distretti tal-Pulizija waqt id-defile (isfel, lemin).*





# IL-PULIZIJA U L-KOMUNITÀ



**ĠIMGĦA**

**TA'**

**ATTIVITAJIET**

**MILL-KORP**

**TAL-PULIZIJA**

**10-17 ta' Lulju 1988**



*Il-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta u stakkament ta' membri tal-Korp tal-Pulizija għaddejjin waqt il-Parata fi Triq ir-Repubblika, il-Belt.*



*L-Ispettur H.W. Harrison, il-Parade Commander, imexxi l-Parata.*



*Il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Alfred A. Calleja, jingħata 'Salute' mill-Parata.*



*Il-Ministru Demarco u l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred A. Calleja, waqt id-daqq ta' l-Innu Malti fil-Parata.*



*Membri tal-Korp waqt id-Drill li għamlu fil-Pjazza tal-Palazz.*



*Membri tal-Korp bil-'Colours' uffiċjali tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta.*



*Dehra oħra tal-membri tal-Korp waqt il-Parata li saret fil-Main Guard.*

## ĠIMGĦA TA' ATTIVITAJIET MILL-KORP TAL-PULIZIJA 10-17 ta' Lulju 1988

diesa ta' ringrazzjament li ġiet iċċelebrata mill-Eċċellenza Tiegħu Mons Arċisqof Ġużeppi Mercieca. Għal din il-quddiesa attendew fost l-oħrajn il-Viċi Prim Ministru l-Avukat G. Demarco, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja, uffiċjali għolja tal-Korp u mistednin oħra.

Wara l-quddiesa sar il-ftuħ uffiċjali u l-inawgurazzjoni ta' l-Akkademja tal-Pulizija mill-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja G. Demarco. Għall-ftuħ ta' l-Akkademja kien hemm preżenti l-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja, il-Kmandant ta' l-Akkademja d-Deputat Kummissarju s-Sur Anthony Mifsud Tommasi u ħafna personalitajiet distinti. Wara l-inawgurazzjoni sar diskors mill-Viċi Prim Ministru fejn ingħata riċeviment għall-mistednin preżenti.

(Ritratti f'paġna 8)

### L-ERBGĦA, 13 TA' LULJU 1988

Saret 'Open Day' fl-Għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid. Bħalma sar fil-Mosta l-pubbliku seta' jmur l-għassa tal-Pulizija ta' Raħal Ġdid u jistaqsi domandi lill-membri tal-Korp dwar il-Pulizija.

Fis-7.00 p.m. il-'Police Musical Group' għamel programm fil-Pjazza ta' Raħal Ġdid fejn kien hemm attendenza ta' żwiemel, klieb u muturi tal-Pulizija.

### IL-ĦAMIS, 14 TA' LULJU 1988

F'din il-ġurnata kienet miftuħa għall-pubbliku l-Għassa tal-Pulizija tal-Ħamrun, fejn għal darb'oħra l-pubbliku attenda l-Għassa biex jara kif taħdem il-Pulizija.

## ĠIMGĦA TA' ATTIVITAJIET MILL-KORP TAL-PULIZIJA 10-17 ta' Lulju 1988

Fi Pjazza Fra Diego kien hemm programm imtella' mill-Police Musical Group fejn anke kien hemm l-attendenza tal-klieb, muturi u l-Kavallerija tal-Pulizija.



*Il-Parata li saret fil-bitħa ta' Sant'Iermu fl-okkażjoni tal-Ftuħ ta' l-Akkademja.*

### IL-ĠIMGĦA, 15 TA' LULJU 1988

'Open Day' fl-Għassa tal-Pulizija ta' Tas-Sliema. Bħalma sar fl-Għases tal-Pulizija ta' qabel, il-pubbliku kien mistieden fejn raw kif taħdem u staqsew xi domandi rigward il-ħidma tal-Pulizija.

F'Għar id-Dud, f'Tas-Sliema, kien hemm iddoqq il-Police Musical Group u kien hemm attendenza ta' muturi, klieb u żwiemel tal-Pulizija.

### IS-SIBT, 16 TA' LULJU 1988

'Open Day' fl-Għassa tal-Pulizija tal-Belt Valletta. F'din il-ġurnata l-pubbliku kellu fejn jara xogħol il-pulizija u anke saru domandi kif saru f'distretti oħra rigward il-Korp tal-Pulizija.

Fil-Pjazza ta' l-Assedju l-Kbir sar programm mill-Police Musical Group u saret wirja mill-Klieb tal-Pulizija, żwiemel u muturi tat-Taqsima tat-Traffiku tal-Pulizija.

F'dan il-jum saret ukoll 'Open Day' fl-Għassa tal-Pulizija tar-Rabat, Għawdex.

Fil-11.00 ta' fil-għodu saret parata minn membri tal-Korp tal-



*Il-Ministru Demarco jagħmel id-diskors tiegħu waqt l-inawgurazzjoni ta' l-Akkademja tal-Pulizija.*



*Żewġ membri tal-Korp itellgħu l-bandieri ta' Malta u tal-Korp tal-Pulizija waqt il-Ftuħ ta' l-Akkademja.*



*Il-Parata għaddejja minn Triq ir-Repubblika ġewwa Għawdex, u l-membri tal-Parata skjerati lesti biex jiġu spezzjonati mill-Ministru Demarco.*

## ĠIMGĦA TA' ATTIVITAJIET MILL-KORP TAL-PULIZIJA 10-17 ta' Lulju 1988





*Il-Ministru Demarco, flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja flimkien ma' l-Ispettur Harrison jispezzjonaw il-Parata.*

Pulizija akkumpanjati mill-Banda tal-Forzi Armati ta' Malta, immexxija mill-Parade Commander l-Ispettur Harold Harrison minn Triq ir-Repubblika għall-Pjazza Indipendenza, Victoria.

Għal din l-okkażjoni attendew il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja G. Demarco, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja, l-Isqof ta' Għawdex Mons Nikol Cauchi, il-Ministru għal Għawdex Anton Tabone u uffiċjali oħra tal-Korp.

Wara li saret l-ispezzjoni tal-parata mill-Ministru Demarco, sar anke diskors ta' l-okkażjoni mill-istess Ministru. Għal darb'oħra l-Entertainment Committee tal-Korp tal-Pulizija qassam boroż tal-ħelu u Safari juices lit-tfal preżenti u stickers li jikkommemoraw il-ftuħ ta' l-Akkademja tal-Pulizija.

### IL-ĦADD, 17 TA' LULJU 1988

L-aħħar ġurnata ġiet dedikata lill-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija.

Fl-10.00 ta' fil-għodu saret





*Il-Ministru Demarco jindirizza lill-folla preżenti għall-Parata li saret ġewwa Pjazza Indipendenza f'Għawdex (xellug, fuq). Puli-zija mara tqassam Safari Juices lit-tfal li kienu preżenti waqt l-istess Parata (lemin, fuq).*

'Open Day' fejn pubbliku numeruż attenda u ra xogħol ta' amministrazzjoni li ftit li xejn qatt kellu ċans jara u seta' jistaqsi mistoqsijiet lill-membri tal-Korp inkarigati mill-uffiċini tagħhom.

Biex tingħalaq il-ġimgħa ta' attivitajiet dedikati għall-Korp tal-Pulizija, l-Entertainment Committee tal-Korp tal-Pulizija organizza Bar-B-Que għall-membri tal-Korp, pensjonanti, familjari u ħbieb. Madwar sitt mitt persuna attendew għal dan il-Bar-B-Que li sar ġewwa l-Ġonna ta' l-Argotti l-Furjana.

Mistiedna għal dan il-Bar-B-Que kien hemm il-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja G. Demarco, il-Kummissarju tal-Pulizija u s-sinjura tiegħu, u uffiċjali oħra mill-Ministeru ta' l-Intern u Ġustizzja.

Saru diskorsi kemm mill-Ministru, kif ukoll mill-Kummissarju tal-Pulizija li t-tnejn urew is-sodisfazzjon tagħhom għal dik il-ġimgħa ta' attivitajiet. Biex jallegraw lill-pubbliku preżenti kien hemm Hector Bruno, il-Greenfields, Charles Thake, Ġemma u Paul Portelli, il-Police Musical Group u l-Pops Disco.

Wieħed ma jridx jinsa jsemmi lill-istaff kollu tal-kċina tal-Pulizija għax-xogħol kbir li għamlu biex servew lill-pubbliku b'mod tassew tajjeb u minn dawn il-paġni ngħidulhom prosit.

Wieħed malajr seta' jinnota li x-xogħol li sar matul dik il-ġimgħa kien suċċess kbir u li l-iskop ta' dawn iċ-ċelebrazzjonijiet ġew milħuqa, għax f'kull attività li ġiet organizzata attenda pubbliku numeruż u approva l-attivitajiet u bi kliem ta' tifħir kontinwu.

Barra dawn l-attivitajiet imsemmija, matul il-ġimgħa membri ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti u membri ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija, għamlu żjarat lil dawk il-membri u ex-membri tal-Pulizija li jinsabu morda. Barra minn hekk, fid-9, 11 u 12 ta' Lulju l-Uffiċċju tal-Posta għamel użu minn 'Machine Stamp Cancellation Slogan' bil-kliem:

**"JUM IL-FONDAZZJONI TAL-KORP TAL-PULIZIJA U L-FTUĦ TA' L-AKKADEMJA 12 TA' LULJU 1988"**

Fl-aħħar nixtiequ nifirħu lil kull min b'xi mod jew ieħor għen biex il-ġimgħa dedikata lill-Korp tal-Pulizija saret realtà u kienet suċċess kbir.





*Il-pubbliku preżenti waqt il-Bar-B-Q (xellug, fuq) u l-Ministru Demarco jindirizza lil dawk preżenti waqt l-Bar-B-Q (lemin, fuq).*

# MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

•ISSA li l-attivitajiet li saru fil-ġimgħa li l-Pulizija ta' Malta organizzat bit-tema ta' "Il-Pulizija u l-Komunità" intemmet, ta' min joqgħod jirrifletti ftit fuq dak kollu li sar u ntqal. Kif issemmiet il-motto prinċipali "Il-Pulizija u l-Komunità" fejn l-aktar li saret enfasi dwarha kienet x'tistenna l-Komunità mill-Korp tal-Pulizija. Dan smajna ħafna u tkellimna diversi drabi x'wieħed għandu jistenna mill-Pulizija, dejjem insistejna li għandna nagħtu lill-Komunità servizz mill-aħjar u kif jixraq, dan konna ngħiduh u nibqgħu nsostnuh anzi ninsistu li nagħmluh fil-prattika.

*Rapport mis-Surġent* **649 M. SALIBA** *Segretarju, Assoċjazzjoni tal-Pulizija*

Ħaġa li waqt din il-ġimgħa ma tantx sar aċċenn fuqha (mhux mill-membri tal-korp) iżda minn setturi oħrajn kien dwar il-kundizzjonijiet tax-xogħol li għandna aħna l-membri tal-korp. Ftit li xejn sar sforz s'issa mill-Awtoritajiet tal-pajjiż sabiex jirranġaw dak li messu ilu żmien li ġie rranġat, iżda donnhom min hu fi dmir li jieħu ħsieb dawn l-affarijiat aktar jieħdu ħsieb li jagħmlu emfasi fil-wegħdiet milli fil-fatti. Dan qegħdin ngħiduh għaliex huma magħrufa sew it-talbiet tal-Assoċjazzjoni u m'hemmx raġuni il-għala dan id-dewmien kollu. Forsi għaliex il-membri tal-korp tal-Pulizija huma marbuta b'regolamenti li jirristrinġi l-mod kif nistgħu nagħmlu biex nieħdu dak li ħaqqna. Hemm bżonn li niġu trattati bis-serjetà u b'dinjità ta' bnedmin li aħna u ma tibqax tintuża attitudni passiva min-naħa ta' l-Awtorità li ma jkollniex triq oħra għajr li nsejħulha bħala intransiġenza meta tkun taf li għandna raġun u b'kapriċċ ma jagħtuniex id-drittijiet aċċettati minn kulħadd għaliex kif għedna aktar qabel aħna marbutin b'regolamenti li ma nistgħux nagħmlu bħal ħaddiema oħra.

It-Time Off in Lieu fil-Pulizija minn dejjem kien wieħed mill-aktar sistemi inġusti li għadhom jeżistu. Is-siegħat żejda li naħdmu matul is-sena, ftit li xejn jiġi "recorded" minn min hu fid-dover li jara li dawn is-sigħat żejda jiġu mniżla siegħa b'siegħa. Ċerti Detail Officers jaddottaw "policies" arbitrarji dwar liema sigħat żejda huma klassifikati bħala tali jew qishom dawn għandhom żewġ arloġġi tal-ħin, bħal meta ddeċidew li xogħol konness ma' attivitajiet politiċi m'humiex magħmula minn ħin bħal xogħol ieħor, anzi dan ix-xogħol kif jaf kulħadd hu tedjuż għall-aħħar u jokkupa parti kbira mix-xogħol tagħna aktar u aktar meta l-poplu Malti hu mehdi ħafna b'dawn l-attivitajiet.

Is-Sistema ta' Time Off in Lieu issa spiċċa żmienu u hemm bżonn li tiġi addottata sistema ġdida li tkun ġusta għal kulħadd. Is-sigħat żejda li jinħadmu għandhom jiġu kkompensati kollha b'rata fissa fuq il-bażi ta' siegħa – siegħa u nofs fil-ġranet normali u doppja kull nhar ta' Ħadd. Għall-festi għandu jkunu hemm rati oħra speċjali. Nisperaw li ma jkunx hemm min jibqa' skantat b'dawn li qegħdin insemmu. Ħaddiema oħra jafu sew dawn x'inhuma għaliex issa ilhom issnin li jgawdu minnhom.

Inħossu li meta ngħaddu xi perijodu ta' żmien fejn il-membri tagħna jaħdmu medja ta' madwar mitt (100) siegħa fil-ġimgħa u sabiex wieħed jagħmel ftit tal-kuraġġ jingħataw struzzjonijiet sabiex is-siegħat żejda jiġu kompensati siegħa b'siegħa flimkien ma' għotja ta' Off Duty Extra tkun daħk fil-wiċċ, għaliex xi skop hemm li tniżżel dawk is-sigħat kollha meta taf li ma hemm l-ebda tama li xi darba sejjer tieħu s-sigħat żejda li tkun ħdimt. Dan qiegħed ngħidu għaliex wara s-sigħat żejda li ħdimna f'Ġunju li għadda, għadna lanqas ħadna l-ġurnata Off Duty Extra li kienet ġiet mogħtija lilna meta kien infetaħ il-Parlament f'Ġunju tas-sena l-oħra, u dan barra s-sigħat żejda li nħadmu waqt li qabel l-elezzjonijiet ġenerali li saru fl-1987, fejn dawn is-sigħat għadhom ma ġewx biss irreġistrati, dan wara li ħafna drabi ma nieħdux il-ġurnata Off Duty tagħna fil-ġimgħa u nsibu diffikultà sabiex niktbu l-vacation leave tas-sena aħseb u ara kemm se jkun iċ-ċans li kull membru tal-Korp jieħu lura dawk is-siegħat żejda li matul is-sena naħdmu. Ta' min isemmi li s-siegħat żejda li naħdmu ma nibdewx noħduhom wara li niskorru l-40 siegħa għaliex normali aħna għadna naħdmu ġimgħa ta' 47 siegħa fil-ġimgħa.

Nerġgħu ntennu li l-Awtoritajiet issa ilhom żmien jafu b'dawn il-fatti u bi "claims" oħra u nħossu li fi dmir tagħhom għandhom jagħmlu ġustizzja magħna u ma jibqgħux indifferenti għan-nuqqasijiet kbar li għadhom jeżistu fil-kundizzjonijiet tax-xogħol tal-Membri tal-Korp tal-Pulizija, għaliex inutli li tinsisti sabiex naħdmu aktar u min-naħa l-oħra dak li hu bi dritt u b'ġustizzja tagħna ma jingħatalniex. Nifhmu

# ŻJARAT LIL EX-MEMBRI TAL-KORP

## MILL-ASSOĊJAZZJONI TAL-PULIZIJA

**● Matul il-Ġimgħa tal-Pulizija li nżammet fix-xahar ta' Lulju li għadda, l-Assoċjazzjoni bl-għajnuna ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti għamlu żjarat lil diversi ex-membri tal-Korp tal-Pulizija, li minħabba l-età tagħhom jinsabu rikoverati ġewwa djarhom jew f'xi sptar.**

li f'dawn l-affarijiet għandu jkun "Two Way Traffic" dmirna u l-obbligu tagħna nagħmluh iżda d-drittijiet tagħna għandhom jiġu aċċettati u hawn jidħol id-dmir ta' dawk li qegħdin f'pożizzjoni li jaraw li d-drittijiet tagħna jingħatawlna.

Dan kollu għednieh mhux firrigward ta' "Time Off in Lieu" biss iżda fuq il-punti kollha li tlabna sabiex il-kundizzjonijiet tax-xogħol tagħna jitjiebu u għall-anqas nibdew ingawdu ftit minn dawk il-benefiċċji li ħaddiema oħra bl-istess dritt ilhom is-snin igawdu.

Iż-żjarat saru mill-ex-Supt. J.M. Borg għan-naħa ta' l-Għaqda tal-Pensjonanti, u minn P.S. 649 M. Saliba għan-naħa ta' l-Assoċjazzjoni. Il-membri li żorna kollha laqgħuna b'ħeġġa liema bħalha, fejn urew l-apprezzament tagħhom lejn iż-żewġ Għaqdiet li ħassew li ilhom żmien li spiċċaw mis-Servizz għadhom ma ġewx minsija minn sħabhom. Ħafna minn dawk li żorna, jien ma niftakarhomx fis-Servizz, iżda xorta ħadt interess kbir f'dak li rrakkontaw minn dak li għaddew fi żmien li kienu għamlu fil-Korp tal-Pulizija. Rajt li waqt ir-rakkonti tagħhom dehret in-nostalġija li bdew iħossu meta bdew jiftakru miż-żminijiet li kienu għaddew, – kienu żminijiet ta' tbatija kbira aktar milli ta' ferħ, iżda ma naqasx li jissemmew xi episodji li jħallu tbissima fuq fomm min ikun qiegħed jirrakkonta.

Lil kull membru li żorna tajnieh xi ħaġa bħala turija ta' apprezzament tagħna lejhom għas-servizz li taw qabilna lillpajjiż.

Din l-attività għandha ssir regulari u nissuġġerixxi li għallinqas darba fis-sena għandna nirrepetuha. Nappella lill-exmembri tagħna kollha u lill-familji tagħhom li fejn ikollhom xi membru li minħabba xi mard jew problemi oħra, jinfurmaw lill-Kumitat ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti ħalli nkunu nafu bihom u għaldaqstant inkunu nistgħu ninkluduhom fil-viżiti tagħna. Naċċertawhom li dan nagħmluh minn qalbna.

# AN INVITATION FROM A GROUP OF H.M.S. ARK ROYAL



*Picture shows Commissioner of Police Mr. Alfred A. Calleja with Officials of the Malta Police Force and Officers from H.M.S. Ark Royal at the Police Headquarters in Floriana.*

On the 28th June 1988 the Commissioner of Police, Mr. Alfred A. Calleja, extended an invitation to a group of Officers from the H.M.S. Ark Royal for drinks at the Officers' Mess, Police Headquarters, Floriana. It was encouraging to see that at such short notice a number of Gazetted Officers attended this reception. Towards the end of this reception each guest was presented with a Police tie by the Commissioner of Police.

The British Officers reciprocated by inviting all those Police Officers present to be their guests on board the H.M.S. Ark Royal. On arriving on board the aircraft-carrier S/Lt. Peter Davies presented a heraldic shield commemorating the abovementioned event, to be displayed at the Officers' Mess and another shield to the Commissioner of Police, who unfortunately could not be present at that time. After a conducted tour of the aircraft carrier the visiting party was treated to refreshments in the Wardroom.




Manufacturers & Suppliers of Mining Explosives and accessories Propellant powders, sporting ammunition and Deep Rock Drilling machines.

"PULVICH HOUSE"
101, ARCHBISHOP STREET, VALLETTA
TEL.: 225287-607707




From Malta you can dial direct to GREECE (Code No: 030); FRANCE (Code No: 033); ITALY (Code No: 039); HOLLAND (Code No: 031); BELGIUM (Code No: 032); SWITZERLAND (Code No: 041); U.K. (Code No: 044); and WEST GERMANY (Code No: 049).

(*) To save 25% you can phone from Mondays to Saturdays from 9.00 p.m. to 8.00 a.m. Sundays ALL DAY

**telemalta corporation**

TELEMALTA OFFICES AT PACEVILLE ARE OPENED 24 HOURS A DAY FOR TELEXES - TELEGRAMS - OVERSEAS CALLS

# Għaliex Akkademja?

Dan l-isem għall-ewwel kien ingħata fejn kien hemm ġnien pubbliku u gymnasium fl-inħawi tal-Lbiċ ta' Ateni, l-Greċja, u kellu bidu minn dak l-eroj Academus, magħruf bħala l-fundatur tagħha.

Għad-dell tas-siġar taż-żebbuġ Platone kien igħallem hemm għal 50 sena, u wara mewtu dak il-ġnien baqa' bħala t-tokk fejn baqgħu jiltaqgħu skulari Greigi, sakemm Gustinjanu fis-sena 529 W.K. kien għalaq l-iskejjel pagani.

Din il-kelma, mal-milja taż-żmien, tingħata lil kull soċjetà jew istituzzjoni, li għandha l-għan ewlieni li xxerred it-tagħlim ta' l-arti u tax-xjenza.

Proprjament dan l-isem kien ingħata lill-Mużew ta' Lixandra, li kellu bidu fi żmien Tolomeo Sokv, għal ħabta tat-tielet seklu Q.K. għaliex hemm kienu jmorru mill-Greċja u mil-Lvant kollu biex jitgħallmu.

Il-Lhud u wara żmien l-Għarab, kienu addottaw il-kelma ta' Akkademja bħala mudell għall-iskejjel tagħhom.

Minn hemm xterdet mad-dinja kollha. Waħda milli jissemmew kienet l-akkademja ta' Casino dè Medici (1389-1460) fl-Italja, magħrufa bħala bl-isem ta' Academia Platone, u minn dakinhar dan l-isem jinsab fid-dinja kollha.

# IL-FORTIZZA TA' SANT IERMU

mill-Kavallier **JOSEPH GALEA**

**•Sant Iermu, jew Sant Elmo, imsemmi hekk għal qaddis Erasmus li miet għal ħabta tas-sena 303 W.K. Kien Isqof ta' Formine, il-kampanja ta' l-Italja, u ħa l-martirju fi żmien il-persekuzzjoni ta' Dioklezjanu.**

Il-qaddis huwa magħruf bħala wieħed mill-Fourteen Holy Helpers, u patrun tal-baħħara. In-Naplitani jgħidu li dak id-dawl blu li jkun jixgħel quddiem l-arblu majjistru tal-bastimenti, li jixgħelu qabel xi tempesta, isejħulu "id-dawl ta' Sant Elmo".

F'tarf il-ħanek ta' art (il-promontorju) tal-Għolja ta' Xiber Ras, jew Xagħriet Mewwija, għall-ħabta tas-sena 1470 wara talba tal-Università ta' l-Imdina (il-Gvern ta' dari) lill-Viċi Re ta' Sqallija, li miegħu kienu jagħmlu l-gżejjer Maltin, kien inbena torri żgħir, biex iħares il-bokka tal-portijiet ta' Marsamxett, u tal-Port il-Kbir.

Imma billi s-suldati u l-għassiesa fit-torri kienu nitfa 'l bogħod mill-eqreb knisja jew kappella, nhar il-festi kmandati ma kienux jistgħu jilħqu u jaqdu d-dmirijiet tagħhom reliġjużi. Għaldaqshekk bnew kappella żgħira, ma' ġenb it-torri, u semmewha f'ġieh Sant Iermu, jew Elmo.

Il-wasla tal-Kavallieri ta' San Ġwann fis-sena 1530, bħala sovrani tal-gżejjer, mogħtija lilhom mill-Imperatur Karlu V tal-Ġermanja, u l-ewwel ta' Spanja, aktarx li kif raw dik il-fortizza fuq dak il-ħanek għeri, tefgħu l-ħarsa tagħhom, u x-xewqa li jekk kemm-il darba kellhom jibqgħu hawn, kellhom jibnu belt ġdida.

Il-Gran Mastru Juan d'Homedes (1536-1553) ried li jsaħħaħ il-fortizza, u wara l-pariri li ta l-Kavallier Leone Strozzi, il-Prijur ta' Capua, kabbru l-inħawi tal-fortizza billi tawha l-għamla ta' stilla, u bnew ukoll kavallier fuq il-faċċata tagħha. Bejn dan il-kavallier u l-bini tal-forti kienu għamlu pont ta' l-injam.

Il-Gran Mastru li laħaq warajh, Claude de la Sengle (1553-1557), tliet snin wara ħaffer fil-blat il-fossijiet madwar il-forti.

L-istess għamel il-Gran Mastru li sar warajh, Jean de la Valette (1557-1568), twebbel li jsaħħaħ sew dik il-fortizza, għaliex ta'

•ikompli f'paġna 18




*Il-Fortizza ta' Sant Iermu*

MALTA POLICE

# DRUGS
# CRIMEPHONE

## Help the Police Fight Drug Abuse

IF YOU HAVE ANY INFORMATION

RING

# 23314 6/9

Leave your message on our 24 hour service-phone.
All information treated as strictly confidential

# • L-AKKADEMJA TAL-PULIZIJA • APPUNTAMENT MA' L-ISTORJA

## *ID-DISKORS TAL-VIĊI PRIM MINISTRU U MINISTRU TA' L-INTERN, L-ONOR. DR. GUIDO DEMARCO LL.D., M.P.*

**•L-AVVENIMENT tal-lum huwa appuntament ma' l-istorja. Qegħdin fit-tarf tal-Monte Sceberras, fejn ħames mitt sena ilu, fl-1488, missirijietna waqqfu torri biex iħares il-portijiet ta' gżiritna, fil-post li għadu sal-lum magħruf bħala "tard il-għases". Mill-kenn ta' l-Imdina, iċ-Città Notabile tal-gżejjer Maltin, bdiet il-mixja lejn il-portijiet ta' pajjiżna, u d-destin ta' Malta, bħala pajjiż mhux mistoħbi fl-intern tiegħu iżda miftuħ għall-istorja tal-Mediterran u ta' l-Ewropa ta' Nofsinhar li magħhom pajjiżna integra ruħu, ġie senjat. U l-Forti Sant'Elmo, imsemmi għall-qaddis protettur tal-baħħara, li kappella dedikata lilu kienet tħaddan it-Torri ta' l-1488, u mbagħad inkorporata fil-fortifikazzjoni tal-Gran Mastru de Homedes, taħt il-patroċinju ta' Sant'Anna, kien protagonista fl-istorja ta' pajjiżna fil-milja ta' dawn is-sekli.**

### IL-BIDU TAL-KORP TAL-PULIZIJA

L-avveniment tal-lum huwa appuntament ma' l-istorja għaliex b'effett mit-12 ta' Lulju, 1914, b'ordni tal-Gvernatur Maitland "All powers hitherto exercised with respect to the administration of Police whether by the Castellano, the Capitano di Verga, the Criminal Judge, the Magistrates of Police, the Advocate Fiscal in the Island of Malta or by the Governor, the Criminal Judge or the Advocate Fiscal of the Island of Gozo, do cease, and determine; and His Excellency further directs that the Police of this Island and its dependencies be, from and after the said 12th instant, administered by the authorities and in the manner hereafter stated: The Police shall be divided into two distinct departments, the Executive Police and the Judicial".

Il-proklama tkompli tgħid: "It shall be the duty of the Executive Police to arrest all persons guilty of any offence whatsoever against the public peace or welfare or the regulations of police, and the person so arrested shall in every case, when it may be practicable, be forthwith carried before the Magistrates of Judicial Police for examination, but shall in no case be detained by the Executive Police for a longer period than **two days** without being brought before the said Magistrates".



**Il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern, L-ONOR DR. GUIDO DEMARCO LL.D., M.P.**

### ŻEWĠ PRINĊIPJI IMPORTANTI

Kif wieħed jista' jinduna minn din il-proklama ġew stabbiliti żewġ prinċipji importanti; il-funzjoni tal-pulizija li tarresta lil min jikser il-liġi, u l-obbligu tal-pulizija li tressaq lil min hu hekk arrestat quddiem l-Awtorità Ġudizzjarja malajr kemm jista' jkun, u b'kull mod mhux aktar tard minn jumejn minn meta ġie arrestat. Ġie stabbilit għalhekk id-dritt taċ-ċittadin għall-habeas corpus, li ma tiġix miċħuda lilu l-libertà, u li l-arrest arbitrarju tal-persuna huwa projbit u li l-Maġistrati "are hereby authorised and empowered to inquire into any complaint that may be made before them of any person or persons being detained for a longer period than forty-eight hours without being brought up for examination".

Hekk b'effett mit-12 ta' Lulju 1814, proprju mija u erbgħa u sebgħin sena ilu twieled il-Korp tal-Pulizija ta' Malta kif nafuh illum, bil-poteri kif żviluppaw ruħhom u fil-ħarsien tal-libertà

# ID-DISKORS TAL-VIĊI PRIM MINISTRU L-ONOR. DR. GUIDO DEMARCO LL.D., M.P. FIL-FTUĦ TA' L-AKKADEMJA TAL-PULIZIJA

ta' l-individwu, valur fundamentali ta' soċjetà ħielsa.

**FUNZJONI TA' L-AKKADEMJA**

Għażilna din id-data biex ninawguraw din l-Akkademja tal-Pulizija. Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Korp tal-Pulizija se jkun hemm post fejn il-pulizija tagħna tiġi professjonalizzata, preparata għax-xogħol, għad-doveri u għall-funzjoni tagħha.

F'din l-Akkademja l-pulizija tagħna se tirċievi dak l-addestrament neċessarju biex taqdi dmirha. Funzjoni li aktar ma jgħaddi żmien, filwaqt li dak li huwa normali jirrikjedi approfondiment kontinwu, il-kamp ta' l-ispeċjalizzazzjoni qiegħed dejjem jikber.

Din l-Akkademja għandha tieħu ħsieb l-addestrament fundamentali tal-kuntistabbli, għandha tipprepara l-kadetti spetturi u toħloq korsijiet għall-fizzjali b'mod li tkun ukoll "staff college" għal min se jkollu funzjoni ta' kmand fil-Korp.

Din l-Akkademja għandha toħloq korsijiet speċjalizzati biex il-Korp ikun jista' jaqdi l-funzjonijiet diversi tiegħu fil-kamp ta' l-investigazzjoni kriminali, fil-kamp ta' l-istudji forensiċi, fil-kamp tal-lotta kontra d-droga, fil-kamp ta' liġijiet partikolari, fil-kamp tal-kontroll tat-traffiku, u f'diversi oqsma oħra fejn il-preżenza ta' pulizija speċjalizzata hija rikjesta u neċessarja.

**DMIRIJIET TAL-KORP TAL-PULIZIJA**

Minn din l-Akkademja jiddependi l-futur ta' Korp ta' pulizija professjonalizzat, preparat u moralment bażat.

Għaliex il-Gvern Malti jifhem li l-orjentament li l-Korp tal-Pulizija jieħu fil-ħajja nazzjonali huwa determinanti għal-libertajiet tagħna individwali u għall-ħajja demokratika tagħna bħala poplu. Huwa għalhekk li l-Gvern ta' Malta jemmen u jrid li l-Korp tal-Pulizija jkun rappreżentattiv tal-poplu kollu:

1. dedikat għad-difiża tal-libertajiet u tad-drittijiet kostituzzjonali taċ-ċittadini Maltin bla distinzjoni;

2. preparat bil-mezzi kollha legali u neċessarji kontra l-kriminalità;

3. jintegra ruħu mal-komunità fil-ħarsien ta' l-ordni u tal-liġi; u

4. iħares fl-osservanza taddritt, is-sigurtà ta' l-Istat Malti.

> *"Minn din l-Akkademja jiddependi l-futur ta' Korp ta' Pulizija professjonalizzat, preparat u moralment bażat"*
>
> L-Onor. Dr. Guido Demarco LL.D., M.P.

Hija r-rieda tagħna li dawn il-prinċipji bażiċi għandhom imexxu l-Korp tal-Pulizija.

Għaliex il-Korp tal-Pulizija għandu jkun forza ta' libertà fil-pajjiż u mhux strument ta' oppressjoni. Qiegħed hemm biex iservi l-istituzzjonijiet ta' l-Istat u mhux biex jisfidahom, qiegħed hemm biex jipproteġi l-libertajiet fundamentali tal-bniedem u mhux biex jissoprimihom, qiegħed hemm biex iħares id-drittijiet ta' l-individwu li jesprimi ruħu fil-libertà u li jassoċja ruħu fl-ordni, u mhux biex jingħaqad mal-kriminali tal-politika fis-soppressjoni ta' dawn il-libertajiet.

Il-Korp tal-Pulizija qiegħed hemm biex jikkombatti l-kriminalità, li sfortunatament, fid-dinja kollha, u Malta mhux eċċezzjoni, qegħda dejjem tikber. Kriminalità li ġejja minn diversi fatturi – tnaqqis tal-valuri morali fost ħafna nies, is-soċjetà konsumistika, id-droga – kriminalità li qegħda timpenja l-forza tal-pulizija bl-iktar mod estensiv, minn reati kontra l-persuna, l-aktar dawk li joħolqu vittmi fost l-iktar nies debboli fis-soċjetà, ix-xjuħ, u reati kontra l-proprjetà, li jestendu ruħhom minn serq minn djar għal frodijiet kummerċjali komplikati.

**"NEIGHBOURHOOD WATCH"**

F'din is-sitwazzjoni jinħoloq iżjed il-bżonn li l-Korp tal-Pulizija jintegra ruħu mal-komunità fil-ħarsien ta' l-ordni u tal-liġi. Għaliex l-ordni u l-liġi huma responsabbiltà mhux biss tal-pulizija iżda tal-komunità inġenerali. F'ċerti pajjiżi, in partikolari fl-Ingilterra u fl-Istati Uniti qegħdin jinħolqu dawk li jissejħu "neighbourhood watch" fejn komunità f'villaġġ jew f'belt toħloq rapport ma' l-għassa tal-pulizija, rapport li għandu mira partikolari, dak li bejn il-pulizija fid-distrett u komunità tkun hemm kuntatt regolari, f'informazzjoni u f'soluzzjoni ta' sitwazzjonijiet u problemi rigwardanti l-ordni pubbliku; dan mhux biss jikkreja klima ta' fiduċja reċiproka, iżda jwassal ħafna drabi għal informazzjoni li speċjalment għal dak li jirrigwarda serq, jirrisolvu numru sostanzjali ta' każijiet; u joħloq dak l-integrar bejn komunità u pulizija, fejn wieħed verament jara s-sitwazzjoni kif fil-fatt hi; **li tgħin il-Pulizija tfisser li qiegħed tgħin lilek innifsek fil-komunità li fiha qiegħed tgħix.**

Jien konvint li l-introduzzjoni ta' dawn il-kumitati tal-komunità, speċjalment f'arei pjuttost remoti jew maqtugħa jistgħu

jkunu ta' utilità għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku u għall-ħarsien tal-liġi u li jżidu dak is-sens ta' sikurezza li huwa essenzjali fil-ħajja ta' kuljum.

## IS-SIGURTÀ TA' L-ISTAT MALTI

Hu dover fundamentali tal-Pulizija li fl-osservanza tad-dritt tħares is-sigurtà ta' l-Istat Malti.

Hawnhekk hu essenzjali li l-ideat ikunu ċari u bla ekwivoċi. Il-Korp tal-Pulizija fil-ħarsien tas-sigurtà tan-nazzjon għandu jkun ħieles minn kull inklinazzjoni jew preġudizzju politiku u m'għandux jikkonċerna ruħu ma' ebda sezzjoni partikolari tal-komunità. Ix-xogħol tal-pulizija f'dan ir-rigward huwa d-difiża ta' l-Istat minn perikli esterni jew interni li joħorġu minn atti ta' spjunaġġ, atti ta' terroriżmu, sabutaġġ u minn kull azzjoni ta' nies jew organizzazzjonijiet diretti minn ġewwa jew minn barra l-pajjiż li jkunu konsiderati bħala sovversivi għall-Istat.

## TERRORIŻMU U SOVVERSJONI – DEFINIZZJONI

Hawn tajjeb li niddefinixxu ċerti termini kif inhuma aċċettata f'soċjetajiet demokratiċi u liberi:

**Terroriżmu:** l-użu tal-vjolenza għal għanijiet politiċi;

**Sovversjoni:** huma konsidrati bħala attivitajiet sovversivi dawk li jheddu s-sigurtà u l-benesseri ta' l-Istat u huma ntiżi biex jimminaw jew iwaqqgħu l-istituzzjonijiet demokratiċi u parlamentari tal-pajjiż.

Għaliex l-użu tal-vjolenza għal għanijiet politiċi huwa l-mod kif ċittadin iċedi għall-forza; kif huwa jiġi terrorizzat minn ħaddieħor u jkollu jaċċetta mhux għax jaqbel iżda għax is-sewwa tas-saħħa tegħleb is-saħħa tas-sewwa. Dan mhux aċċettabli f'soċjetà demokratika.

L-Istat demokratiku, l-istat li jħares il-Kostituzzjoni tiegħu, l-istat li għax hu demokratiku jiggverna bis-saħħa tal-maġġoranza

# ID-DISKORS TAL-VIĊI PRIM MINISTRU L-ONOR. DR. GUIDO DEMARCO LL.D., M.P. FIL-FTUĦ TA' L-AKKADEMJA TAL-PULIZIJA

> ***"Hu dover fundamentali tal-Pulizija li fl-osservanza tad-dritt tħares is-sigurtà ta' l-istat Malti"***
>
> **L-Onor. Dr. Guido Demarco LL.D., M.P.**

tal-poplu li jkun fada fi Gvern ittmexxija tal-pajjiż, l-istat li jissalvagwarda s-saltna tad-dritt, li jassigura l-eżistenza u l-funzjonament ta' ġudikatura indipendenti li twettaq id-drittijiet fundamentali tal-bniedem, l-istat li huwa fondat fuq id-demokrazija parlamentari li f'elezzjonijiet liberi l-poplu jeleġġi l-partit jew partiti li għandhom jiggvernawh, m'għandux jiġi mhedded minn attivitajiet sovversivi għall-eżistenza tiegħu.

**Ħadd m'għandu dritt li jimponi l-fehmiet tiegħu fuq ħaddieħor bl-użu tal-vjolenza f'pajjiż demokratiku. Ħadd m'għandu dritt li jhedded is-sigurtà ta' l-Istat permezz ta' attivitajiet sovversivi ntiżi biex jimminaw jew iwaqqgħu d-demokrazija parlamentari tal-pajjiż.**

**Kieku wieħed jarroga għalih id-dritt li jista' jagħmel dan, ifisser li dan jista' jimponi d-dittatura fil-pajjiż għax għal dan iwassal minn bl-aġir tiegħu jimmina jew ihedded is-sistema parlamentari u demokratika ta' pajjiżna. Dan hu inaċċettabbli. Dan imur kontra l-libertà li aħna nemmnu fiha.**

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta, strument ta' libertà tal-poplu, hu kommess li dan ma jitwettaq minn ħadd.

## PRINĊIPJI FUNDAMENTALI TAL-KORP

Dawn huma l-prinċipji fundamentali li fuqhom huwa mibni dan il-Korp tal-Pulizija llum. Huma prinċipji li effettivament jintegraw il-Korp tal-Pulizija mal-volontà demokratika tal-poplu Malti u ma' l-ideali ta' libertà li dan il-pajjiż iħaddan.

Huwa b'dawn il-prinċipji fundamentali li l-Korp tal-Pulizija li qiegħed kuljum jinbena għandu jkollu bħala bażi tiegħu dak li flok strument ta' konfront fil-pajjiż ikompli jibni madwaru l-appoġġ u s-sostenn tas-soċjetà u jiżviluppa minn sitwazzjoni fejn kien konsidrat bħala strument ta' konfront għal wieħed ta' kunsens.

L-Akkademja li qegħdin ninawguraw illum għandha tgħaddi dawn il-prinċipji lil dawk il-membri tal-Korp tal-Pulizija li joħorġu minn ħdanha u li fi ħdanha regolarment jirritornaw għal speċjalizzazzjoni u modernizzazzjoni.

Għalhekk ir-realizzazzjoni ta' l-Akkademja tal-Pulizija tkompli tkabbar il-fiduċja tal-poplu fil-Korp tal-Pulizija, korp li jrid jiġi professjonalizzat fis-servizz tal-poplu li miegħu u mal-ideali tiegħu huwa integrat fil-ħarsien tal-liġi u l-ordni fil-libertà.

## "DOMINE DIRIGE NOS"

F'dan il-kunċett ta' libertà, fl-isfond ta' l-istorja ta' dan il-Forti Sant'Elmo, fejn bnedmin bħalna ssieltu għall-kawżi li emmnu fihom, u li taw lill-istess bnedmin id-dimensjoni tal-kawża u ta'

# IL-FORTIZZA TA' SANT IERMU

•ikompli minn paġna 13

spiss kienu jaslu aħbarijiet li t-Torok kienu qed iħejju ruħhom biex ixejnu darba għal dejjem l-Ordni tal-Kavallieri. Għalhekk, kważi lejliet l-assedju tas-sena 1565, għamel ir-ravelini fuq in-naħa tal-port ta' Marsamxett, b'riħet l-għajnuna li kienet waslet minn Sqallija, meta l-Viċi Re Garcia de Toledo ġie personalment biex jara u jirmedja għall-ħtieġijiet tal-gżira.

L-Assedju tas-sena 1565 wassal għal qerda ta' Sant Iermu. L-għadu damu xahar sħiħ jitqabdu biex jieħdu Sant Iermu taħt idejhom, jew inkella jeqirduh għal kollox. L-imblokk beda nhar id-19 ta' Mejju u dam sejjer sat-23 ta' Ġunju 1565, meta rnexxielhom jagħmluh ħerba, u ħasda ta' 1500 ruħ li kien hemm ġewwa jiddefendu l-fortizza. Magħruf li kienu mietu 1,500 ruħ, li minnhom 107 kienu kavallieri, 15-il donat, (urmorum servientes), u 2 kappillani. L-għadu biex kellu dik ir-rebħa kien tilef 8,000 ruħ.

Imbagħad wara li għaddiet il-burraxka, il-Kavallieri ħasbu biex iwettqu x-xewqa tagħhom li hemm fuq dak il-ħanek ta' blat, jibnu belt ġdida. Nhar it-28 ta' Marzu 1566, wara ċerimonja li saret bl-aqwa pompa, il-Gran Mastru Jean de la Valette, tefa' l-ewwel ġebla tas-sisien tal-belt, u semmewha għalih, Valletta.

Il-Gran Mastru Alof de Wignacourt (1601-1622) bena sur ieħor fil-fortizza, li ħadet l-isem ta' Vendome Bastion.

Mill-ġdid, Gran Mastru ieħor, Gregorio Carafa (1680-1690) stieden lill-inġinier Ġermaniż Grunenberg biex iħejji pjanta biex il-kumpless kollu tal-fortizza tiddawwar bi swar dawra mejt. Din inbniet fis-sena 1687.

Donnu li Sant Iermu kellu jkun il-qofol tal-Gran Mastri kollha, għaliex kull wieħed kien jitwebbel jirranġa, jew iżid aktar swar. Fis-sena 1704 il-Gran Mastru Raymond Perellos (1697-1720) kesa s-swar bil-ġebel taż-żonqor biex aktar jinforzahom.

### REWWIXTA MXEJNA

Fi żmien dik il-bluha tar-Rewwixta hekk imsejħa tal-Qassisin kontra l-Gran Mastru Francisco Ximenez (1773-1775), kienu qabdu l-fortizza ta' Sant Iermu bi tradimient, u l-Kavallier ta' San Ġakbu (biswit il-Kastilja), u ppruvaw jieħdu r-riedni tal-gżira f'idejhom, u fl-istess ħin ixejnu t-treġija tal-Kavallieri minn Malta. Iżda kien kollu ta' xejn, u bosta minn dawk ix-xewwiexa ħallsu b'ħajjithom taħt iċ-ċomb tal-ix-kubetti fil-pjazza tal-Palazz.

Il-bidla tal-Bandiera minn fuq Malta u Għawdex fi żmien sentejn biss, meta Napuljun qabad Malta u keċċa u xerred il-Kavallieri minn Malta, wara li kien ilhom hawn jaħkmu mitejn u tmienja u sittin sena. U l-waqgħa tal-Franċiżi fis-sena 1800 f'idejn l-Ingliżi, kienet inkitbet paġna oħra fl-istorja ultra millenarja ta' Art Twelidna.

Fi żmien il-Kavallieri l-fortizza ta' Sant Iermu kienet ukoll ħabs, kemm għall-kavallieri, u sew għall-Maltin.

Fit-taqbida navali li kellu Napuljun fl-Eġittu wieħed mill-Ġenerali Ingliżi, Sir Ralph Abercormbie, kien safa ferut u miet, u l-kadavru tiegħu ġabuh Malta, u difnuh f'wieħed mis-swar tal-fortizza Sant Iermu. Għandu monument, u dawk l-inħawi għadhom jisimhom Abercormbie Curtain.

Meta miet l-ewwel Gvernatur Ingliż, ħabib tal-Maltin fi żmien l-imblokk tal-Franċiżi, u kemm dam fil-kariga tiegħu, sakemm miet nhar l-24 ta' Ottubru 1809, kienu difnuh ukoll fil-fortizza ta' Sant Iermu, u għamlulu monument fil-Barrakka t'Isfel. Sal-lum dawk l-inħawi imsemmijin Ball's Curtain.

**•Il-ġrajja tal-fortizza, minn daqsxejn ta' torri, li żviluppa qisu f'ruħ il-belt Valletta, belt mibnija bħallikieku kienet mibnija f'ħolma, jixhed il-kobor u l-ħniena li wrew dawk kollha li malmilja taż-żmien kienu ddefendewh.**

# L-AKKADEMJA TAL-PULIZIJA

## APPUNTAMENT MA' L-ISTORJA

l-ideali tagħhom, aħna nagħrfu wkoll il-limitazzjonijiet tagħna. Għax ngħarfuhom inħossu l-bżonn iktar li nitgħallmu, għax inħossuhom, irridu l-għajnuna ta' dawk kollha li jistgħu jagħtuhilna.

Però l-konoxxenza tal-limitazzjonijiet tagħna mhux se tnaqqsilna l-volontà tagħna li nżommu sħaħ l-ideali u l-prinċipji li jispirawna fit-tmexxija tal-Korp tal-Pulizija.

Huwa b'dan is-sens ta' dedikazzjoni lejn dawn il-prinċipji li din l-Akkademja għamlet tagħha l-motto li għal tant żmien mexxa l-korp "Domine Dirige Nos". B'dan is-sens ta' dipendenza lejn Alla, u b'volontà sħiħa li nservu lil pajjiżna għan-nom tal-poplu Malti qiegħed formalment ninawgura din l-Akkademja tal-Pulizija. J'Alla minnha joħorġu membri tal-Korp dedikati għall-ħarsien tal-libertajiet tal-poplu, pulizija li jikkumbattu l-kriminalità u fizzjali u kuntistabbli li fil-ħarsien tal-liġi, jissalvagwardaw is-sigurtà tan-nazzjon tagħna.

**• Dawn huma l-ideali tagħna: fuq dawn il-prinċipji ta' libertà qegħdin nibnu l-futur ta' din l-Art Ħelwa, l-Omm li tatna isimha.**

# GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

## FINANCIAL STATEMENT

## FOR JAN/DEC 1986

Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti

| | | |
|---|---|---|
| Total Income during 1986 | | Lm375.32 |
| Expenditure | | 111.70 |
| Cash in hand | | 20.00 |
| Effected deposit during 1986 | | 687.00 |
| Total deposit as on 31.12.86: | | |
| Bank of Valletta: Current Account, Republic Street | | 530.14 |
| Bank of Valletta: Fixed Deposit, Palace Square | 23.7.86 | 500.00 |
| Description of Income: | | |
| Renewal of membership | | 96.00 |
| New members | | 23.00 |
| From various activities | | 256.32 |
| Balance: Expenditure | | 1111.70 |
| Income | | 375.32 |
| | | Lm 736.38 |

**REMARKS**

It is to be noted that the above loss in balance, was due to Contributions to the Sliema Police Station Bombs Victims, Four contributions to ex-Members Widows of Lm25.00.0 each, and over Lm200.00.0 for Furniture and other facilities at our Office at the Police Social Club, City Gate.

Some one hundred Members failed to pay the annual subscription fee for 1986.

I take this opportunity to thank our President, Mr Lorry Muscat for his continuous hard work for the existence of our Society, and the issue of our News Letter inview of the refusal by the administration of the publication "Il-Pulizija" to publish the photographs of deceased Members of the Corps. This publication of our News Letter is costing the Association Lm20.00.0 beside the works required for compilation.

Thanks to all Members of our Committee for their interest and the organisation for activities with our helpers, relatives of the Members of the Police Corps by which activities are helping our funds and also bring together our Members and their families.

Thanks to all.

Vincent P. Zahra,
Hon. Financial Secretary.
31-12-86.

**Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

**Membri fil-Kummissjonijiet**

Kummissjoni Morda:
**Lorry Muscat;**
**Joe M. Borg;**
**Anthony Saliba;**
**Vincent Zahra.**

Kummissjoni Rikrejattiva:
**George Bristow;**
**Joe Monreal;**
**(Helpers).**

Delegati għall-Klabb:
**Lorry Muscat;**
**Vincent Zahra.**

Kummissjoni għar-Relazzjonijiet Pubbliċi:
**Lorry Muscat;**
**Joe M. Borg;**
**Anthony Saliba;**
**Ray Henwood McKeon.**

*•f'paġni oħra*

Financial Statement January-December 1987
Korrispondenza ................20
Intervista Ma' ex-P.C. 286 Carmel Polidano .......21/22
Mutual Help Association
Tħabbil il-Moħħ ...............22

ĦARĠA SPEĊJALI "JUM IL-FONDAZZJONI TAL-KORP TAL-PULIZIJA" U "IL-FTUĦ TA' L-AKKADEMJA" – 12 TA' LULJU 1988

# GĦAQDA TAL-PULIZIJA PENSJONANTI

## FINANCIAL STATEMENT FOR JAN/DEC 1987

| | |
|---|---|
| Total Income during 1987 | Lm138.60 |
| Expenditure | 62.57 |
| Cash in hand | 25.00 |
| Effected deposit during 1987 | 83.50 |
| Total deposit as on 31.12.87: | |
| Bank of Valletta: Current Account, Republic Street | Lm546.14 |
| Bank of Valletta: Fixed Deposit, Palace Square | 500.00 |
| Increased by interest on 23.7.87 | 27.50 |
| Description of Income: | |
| Renewal of membership | 86.00 |
| New members | 11.00 |
| From various activities | 16.60 |
| Balance: Income | 138.60 |
| Expenditure | 62.57 |
| Lm 76.03 | |

**REMARKS:**

This year expenditure was very low, against last year, and the balance was in favour.

As I have done last year, I am pointing out the attitude of our members for failing to meet their responsibility to pay the very low membership subscription of Lm1.

A total of 134 members failed to pay their annual fee.

If one day we had to hire premises to be used as our own club, it would be impossible to take this responsibility as we cannot rely on our members for the expenses involved.

My thanks again this year goes to the President and Committee members who with the very kind assistance of helpers, relatives of serving members of the Police Corps organise our social activities. It would be very much appreciated if this effort is increased.

Thanks also to the Police Administration for their help whenever was required, and the use of their library at GPHQ and the assistance of PC Martin Ellul, the Librarian.

I wish to bring to your attention the appreciation of our aged members during our visits and the interviews being carried out for publication in the issues of "Il-Pulizija". On this matter of publication, we are saving the Lm20 which was involved to publish our own Newsletter.

Thanks to all.

VINCENT P. ZAHRA,
Hon. Financial Secretary.

## ☐ *KORRISPONDENZA*

- Ittra mibgħuta lis-Segretarju MPA u kopja lill-Kummissarju.
- Siltiet minn ittri ta' ringrazzjament li l-Għaqda rċeviet għal inizjattivi li ttieħdu b'risq il-familji ta' l-ex-membri.

**Dear Sir,**

**Many thanks for your letter re the late Ps 128 M'Angelo Zammit which has just been received.**

**However, I shall endeavour to enquire what documents you require me to present to finalise this long outstanding matter.**

**Yours sincerely,**
**A. GRIMA.**

- Silta minn ittra biex jiġi ppubblikat f'"Il-Pulizija" ritratt ta' l-ex-Ps 605 Anthony Mallia.

**Sinjur,**

**Grazzi ta' l-ittra tiegħek ta' l-24 ta' Mejju 1988 (li kienet tikkonċerna r-ritratt tal-papà tagħna). Il-mamà jiena u l-familja tiegħi nixtiequ nirringrazzjawk bil-quddiem ta' l-għajnuna tiegħek u nibqa' grata jekk tkun tista' tibgħatli kopja tal-magażin "Il-Pulizija" li jkun fih ir-ritratt tal-papà.**

**Nirringrazzjak għal darb'oħra.**

**Dejjem tiegħek,**
**Mrs C. MICALLEF.**

## *APPELL*

Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qiegħed jippjana u jaħdem fuq proġett sabiex jiġi mwaqqaf

**MUŻEW TA' OĠĠETTI U STORJA TAL-KORP TAL-PULIZIJA**

fejn jiġu esibiti materjal, ta' liema natura jkun, li għandu x'jaqsam ma' l-istess Korp.

Għalhekk, nistiednu lil dawk kollha li għandhom xi oġġetti, bħal Ritratti Qodma, Dokumenti, Midalji, Badges, Ilbies eċċ., li jistgħu jirregalawhom, jew jisilfuhom ħalli nieħdulhom ritratti, sabiex jagħmlu dan, biex il-Mużew jiġi attrezzat kif inhu xieraq.

Min igħin f'dan ir-rigward, ismu jitniżżel f'Album ta' Tifkira fis-Sala ta' l-Esibiti.

Nirringrazzjawkom minn issa.

*INTERVISTA MA' EX-P.C. 286*

# CARMEL POLIDANO

**•L-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti kompliet bl-intervisti tagħha, u fil-fatt fis-27 ta' April, 1988, il-President Lorry Muscat akkompanjat mis-Segretarju Finanzjarju Vincent Zahra, marru fid-dar Nru. 25, Triq l-Argotti, il-Furjana, u hemm intervistaw lil ex-Kuntistabbli Nru. 286 Carmel Polidado, li llum għandu 72 sena. Bħal-soltu, ħa ħsieb jaddatta l-kitba għal dan il-Magazine il-Viċi-President Joe M. Borg.**



**PC 286
CARMEL POLIDANO**

Għall-ewwel mistoqsija li saritlu, Carmel Polidano wieġeb li qabel ma daħal fil-Korp tal-Pulizija, huwa kien jaħdem f'ħanut tad-deheb (Jewellery Shop), il-Belt, fejn dam madwar tmien snin, meta mbagħad tħajjar għal Pulizija għax il-paga li kellu kienet baxxa.

Domanda: "Meta dħalt fil-Korp?"

*Tweġiba: "Kien fis-16 ta' Settembru, 1938; dak iż-żmien konna nidħlu bħala Riserva, tagħmel ftit ġranet xogħol, u kif tispiċċa l-ħtieġa l-Kummissarju kien jibgħat in-nies barra. Konna nkunu mingħajr uniformi, għajr l-Armlet li kienet tintlibes meta konna nkunu "Duty". L-ewwel għassa li għamilt kien mad-Dar tal-Ammiraljat, Triq Nofs-in-Nhar, il-Belt. Aktar tard, wara li kienu reġgħu bagħtu għalija, jiena ġejt mibgħut nagħmel għassa ma' l-Isptar San Luqa, G'Mangia, li kien qiegħed jinbena; kont fil-Permanent Reserve sakemm kienet tinħoloq vaganza għal Kuntistabbli Regolari. F'Settembru, 1939, faqqgħet it-Tieni Gwerra Dinjija, imma jiena xorta bqajt għassa mal-bini ta' St. Luke's Hospital, u wara xi erbgħa snin u nofs sirt Regolari ('on pensionable establishment)."*

Domanda: "Min kien Kummissarju meta dħalt fil-Pulizija? Kont għamilt xi Course"?

*Tweġiba: "Kien is-Sur Salv. Galea. 'Course' ma kontx għamilt meta kont fir-Riserva, biss meta sirt Regolari għamilt erbgħa ġimgħat training; id-Depot kien fil-Fleur-de-Lys, Sta Venera. Jiena ħadt ċertifikat tal-First Aid u tal-Life Saving."*

Domanda: "Fejn kont stazzjonat imbagħad?"

*Tweġiba: "Mort il-Ħamrun fejn għamilt madwar tmien snin. Dik il-ħabta, anzi kien fil-Milied tal-1946, waqt li kont fuq il-Beat, mill-Pjazza San Pawl san-naħa tar-Radio City Opera. House, kelli inċident meta qlajt daqqa ta' karozza u spiċċajt b''concussion' u bil-ponti f'rasi, u lanqas biss naf x'ġara sewwa".*

Domanda: "Kif kien dan il-każ wara li s'intendi qalulek x'ġara?"

*Tweġiba: "Naf li dak in-nhar tal-Milied kont patrol. F'nofs il-lejl ċempilt lis-Surġent tiegħi biex nagħtih l-"all correct" mill-kaxxa tat-telefon li kienet imwaħħla ma' l-arblu tat-Traffic Island tal-Blata-il-Bajda (illum hemm il-'Fly-Over'). Naf li s-Surġent qalli "all right", inżilt minn fuq it-Traffic Island biex immur in-naħa tax-Showroom ta' Mizzi. Wara qaluli li min tajjarni ma baqax sejjer iżda ħadni l-isptar għax inzerta kien Logetenent tan-Navy Ingliża, li kien ukoll sekondat ('seconded') mal-Korp tal-Pulizija, b'uffiċċju fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, Santa Venera. Domt tlett ġimgħat fl-isptar fejn illum hemm iċ-Centru Ħidma Soċjali u bis-sick leave d-dar għamilt xi tlett xhur oħra. Is-sabiħa hi bil-kemm ma riedux igħidu li l-ħtija ta' l-inċident ma kinetx tiegħi!"*

Domanda: "Kellek xi ħaġa straordinarja fuq ix-xogħol?"

*Tweġiba: "Darba kont in-naħa ta' fejn illum hemm il-Kappella tal-MUSEUM, il-Blata-l-Bajda; rajt raġel miexi fuq il-bankina u fl-istess ħin truck kbir tal-Militar ħakk sewwa sew miegħu, laqtu u xeħtu ma' l-art. Jiena mort biex nagħtih l-għajnuna, iżda dan ir-raġel kien pront qam mill-art, tefa' l-ixkora li kien qiegħed iġorr fuq daru, u ħabat ikompli triqtu. Jiena offrejtlu l-għajnuna u ridt inwasslu d-dar iżda dan assolutament ma riedx, u qalli li ma ġralu xejn. Veru li suppost niżżilt okkorrenza ta' x'ġara u ma ġarax, imma peress li r-raġel insista li ma kellu xejn, jien ukoll ma niżżilt xejn. Dan kien filgħodu. Meta ġejt biex niżmonta, is-Surġent staqsieni hekk fuq il-Beat tiegħi kellix xi każ. Weġibt fin-negattiv, u meta s-Surġent kompla jgħidli li kienu ċemplulu mill-isptar u qalli li kien iddaħħal raġel b'xi*

# Intervista ma' ex-P.C. 286 CARMEL POLIDANO

*kustilji miksura b'riżultat ta' daqqa minn karozza, irrejalizzajt x'kien ġara. Għalkemm stajt dak il-ħin tal-inċident ħadt in-numru tar-reġistrazzjoni tal-vettura, kont ftit fortunat li kont naf fejn seta' jkun dak it-truck u fil-fatt irnexxieli nsib lis-sewwieq. B'xorti tajba dak ir-raġel ħareġ mill-isptar wara żmien qasir''.*

Domanda: ''Qatt kellek xi 'clash' maż-Żuż tal-Ħamrun?''

*Tweġiba: ''Jiena liż-Żuż kont nafu ħafna; biss miegħi kien jimxi ta' raġel allavolja kien l-aqwa 'trouble-maker' u wieħed mill-bulijiet. Kont għamilt żmien għassa miegħu meta kien marid l-isptar u lili dejjem obdieni u rris pettani''.*

Domanda: ''Kemm kienet il-paga meta dħalt fil-Pulizija?''

*Tweġiba: ''Jiena dħalt ta' 23 sena u l-paga kienet xi erbgħa xelini (20 cents) kull jum. Domt xi ħaġa fuq il-25 sena u spiċċajt bil-pensjoni fl-1 ta' Ġunju, 1964''.*

Domanda: ''Fejn kont l-aktar għal qalbek meta kont fis-servizz?''

*Tweġiba: ''Meta ġejt trasferit mill-Ħamrun għall-Water Police (M'Xetto) bil-'Light Duty' wara li kont korrejt, jiena ġejt offrut post is-Central Citations Office li kienet fuq il-Bieb ta' Putirjal (City Gate); hemm kont nagħmel għassa mal-bini 24 hours on u 24 hours off, u hekk kelli opportunità li mmur nistad spiss, id-delizzju favorit tiegħi. Anke meta kont Sentry il-Gate tad-Depot wara r-''Riots'' ta' April, 1958; niftakar li kont rinfors kuljum id-Depot u konna noħorġu xi 10 kuntistabblijiet għassa mal-Headquarters''.*

Domanda: ''Wara li spiċċajt mis-servizz, ħdimt xi mkien ieħor?''

*Tweġiba: ''Iva, kont sibt post bħala Security Guard mal-Malta Bottling Company – Pepsi Cola – u ħdimt madwar 10 snin oħra; dik il-ħabta bil-pensjoni tas-servizz u bil-paga li kelli kont qisni fl-istess pożizzjoni finanzjarja ta' meta kont għadni Kuntistabbli; meta mbagħad għalaqt is-60 sena, irtirajt għal kollox mix-xogħol u bdejt nirċievi wkoll pensjoni mis-Sigurtà Nazzjonali''.*

**Leħen l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti**

**Permezz ta' dan il-Magazine, il-Kunsill ta' l-Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti jsellem lill-kollega tagħha, l-ex-Kuntistabbli Carmelo Polidano, u tawguralu għomor twil u ferrieħi flimkien mal-familja tiegħu.**

## MUTUAL HELP ASSOCIATION

Dawn il-Membri sħabna ħallew dan il-wied ta' dmugħ matul ix-xhur li għaddew, biex daħlu fis-Saltna tas-Sema.

**AGĦTIHOM O MULEJ IL-MISTRIEĦ TA' DEJJEM.**



**Ex-PC 185**
**F. BUSUTTIL**



**Ex-PS 503**
**FRANK DARMENIA**

## TĦABBIL IL-MOĦĦ

Biex issolvi: L-ewwel irranġa l-ittri fil-kaxxa A u sib it-tmien ismijiet ta' ħut. Wara sibhom fl-ittri li jidhru f'kaxxa B.

**"A"**

| | | | |
|---|---|---|---|
| LAPXI | LIJAĦK | PVAO | RBXAUQ |
| DRATI | AULRPS | LTAIJR | UGARS |

**"B"**

| | | | | | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| B | O | T | K | A | H | L | I | J | A | S | T |
| A | X | A | Q | R | U | B | E | N | M | C | R |
| P | I | X | P | D | G | R | U | V | T | A | I |
| E | L | I | T | A | R | S | O | A | O | V | L |
| N | P | F | S | P | A | R | L | U | I | P | J |
| R | A | U | Z | I | S | A | T | I | R | D | A |







*Due to the successful introduction of Super Body Power Protein Powders, Energy Bars and Electrolyte drinks, we have now added more products to create one of the most comprehensive 'performer product ranges' on the market.*

*Local Distributors:*
**CHEMIMART GROUP OF COMPANIES**
**Chemico Buildings, Valley Road, Birkirkara Tel: 492212/3/4**

# Middle Sea Insurance

## SERVICE & SECURITY

*Middle Sea Insurance – Malta's first insurance company – is now offering a full and competitive service that covers most classes of insurance, including special policies for home owners and shopkeepers.*

*Entrust the things you value to the people you can trust,*
*a Maltese company specialising in absolute security with efficient service.*

*Rely on its international experience.*



Middle Sea House, Floriana

**Middle Sea Insurance** Tel: 626262

# PARAMOUNT GARAGE
## MOSTA

255 Constitution Street – Mosta



***Malta's largest Bus Hire Fleet including Mini-Buses & Chauffeur Driven Cars***

GENERAL HIRE SERVICE

Tel: 411193, 443296, 410220



# WIN
## Lm50,000

1 Prize of Lm50,000
1 Prize of Lm25,000
1 Prize of Lm10,000
5 Prizes of Lm1,000 each
5 Prizes of Lm500 each
20 Prizes of Lm250 each
33 Prizes of Lm100 each

**Buy your tickets NOW**

MALTA NATIONAL LOTTERY

With just Lm1 you can win Lm50,000

# Diskors ta' l-E.T. Mons. Arċisqof fl-okkażjoni ta' Quddiesa ta' Radd il-Ħajr f'Jum il-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija



*L-E.T. Mons. Ġużeppi Mercieca – Arċisqof ta' Malta*

**Il-Korp tal-Pulizija ta' Malta qed ifakkar, fil-ġurnata ta' llum, "Jum il-Fondazzjoni" tiegħu li saret fit-12 ta' Lulju 1814. Fl-istess ħin, illum huwa wkoll Jum l-Inawgurazzjoni ta' l-Akkademja tal-Pulizija.**

**KON-KATTIDRAL TA' SAN ĠWANN**
**12 ta' Lulju, 1988**

Il-Korp tal-Pulizija qed ifakkar dawn il-ġrajjiet sbieħ ta' l-imgħoddi u ta' issa b'quddiesa ta' radd il-ħajr 'l Alla; u jiena nħossni grat lejn il-Korp kollu li għoġobkom tistednuni nkun magħkom f'dan il-jum: inkun magħkom biex f'din l-okkażjoni nsellem pubblikament b'sens ta' rispett u stima lilkom ilkoll kif ukoll ningħaqad magħkom f'dan ir-radd ta' ħajr lil Alla.

Mill-jum tat-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija f'Malta, Alla qatt ma naqas li jgħin, idawwal u jsaħħaħ lill-Korp biex il-membri tiegħu jkunu sinjal u strument ta' l-għaqda li Alla jrid li jkollna bejnietna; għaqda mibnija fuq il-ġustizzja, il-ħarsien u r-rispett lejn id-drittijiet tal-bniedem u mdawla dejjem mill-imħabba sinċiera ta' l-aħwa. Illum dan il-Korp qed irodd ħajr lil Alla għal din, l-għajnuna li rċieva matul dan iż-żmien kollu. Fl-istess ħin il-Korp hu sogħbien għal kull nuqqas li bħala bnedmin dgħajfa membri tiegħu setgħu għamlu kemm fil-qadi ta' dmirijiethom kif ukoll fl-imġieba tagħhom lejn ħaddieħor, jitlob maħfra 'l Alla u jagħmel proponiment sinċier li jimxi dejjem aħjar.

Ġesù jgħinkom twettqu dan il-proponiment biex il-ħidma tagħkom tkun dejjem ħidma ta' servizz tajjeb lejn il-komunità, li dejjem tixtieq u trid tqiegħed fikom il-fiduċja kollha tagħha. Ġesù jgħinkom twettqu dan il-proponiment biex is-servizz tagħkom jixhed dejjem u ma' kulħadd rispett lejn dak li hu ġust u tajjeb, f'ħarsien tad-dinjità u tad-drittijiet tal-bniedem.

Ġesù jgħinkom biex bħala Korp tal-Pulizija tal-komunità tagħna, ta' komunità Nisranija, intom tfasslu l-imġieba tagħkom f'rispett lejn il-prinċipji nsara u fil-qadi ta' dmirijietkom timxu dejjem ma' kulħadd l-istess, ħielsa minn kull influwenza illeġittima.

Biex twettqu dan il-proponiment, Ġesù nnifsu, li qiegħed preżenti fostna fis-Sagrament ta' l-Ewkaristija, qed igħidilkom biex bħalu u fuq l-eżempju tiegħu l-Korp tal-Pulizija jimpenja ruħu biex juri li huwa qed ifittex mhux li jkun moqdi, imma biex jaqdi. U bħala nsara, aħna nafu li nkunu nistgħu naqdu tajjeb lill-komunità daqskemm ngħixu magħqudin ma' Alla; daqskemm il-ħajja tagħna, il-kondotta familjari u soċjali tagħna, tkun imdawla u mmexxija mill-valuri nsara. Hu permezz ta' ħajja spiritwali tajba li nkunu nistgħu niksbu u nżommu l-ordni pubbliku.

F'dan il-jum ta' tifkiriet hekk sbieħ, il-komunità tagħna, li fikom trid u tixtieq issib dejjem sens ta' responsabbiltà, sikurezza u konfort, qed tingħaqad magħkom f'dan ir-radd il-ħajr 'l Alla u titlob biex kull meta tkunu tridu tagħmlu għażliet kruċjali u tieħdu deċiżjonijiet tqal, tħallu li jkun Alla li jmexxikom.

# IL-KUMMISSARJU TAL-PULIZIJA JILTAQA' MA' L-OLD BOYS TA' STELLA MARIS COLLEGE



*Il-Kummissarju tal-Korp tal-Pulizija, is-Sur Alfred A. Calleja, fir-ritratt t'isfel jidher flimkien ma' l-Old Boys, filwaqt li fir-ritratt ta' fuq jidhru l-Old Boys flimkien fiż-żmien meta kienu jattendu l-Kulleġġ ta' Stella Maris College.*

**•IS-SIBT, 28 ta' Mejju, 1988, fil-Kwartieri Ġenerali tal-Pulizija, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja għoġbu jlaqqa' għal riċeviment l-ex-kollegi tiegħu li kienu jattendu l-Kulleġġ tal-Freres tal-Gżira — Stella Maris College.**

**Nistgħu ngħidu li mit-tlettax-il Old Boys li laqgħu l-istedina hemm ħafna minnhom li ltaqgħu għall-ewwel darba wara tlieta jew anke erba' u tletin sena għaliex dawn spiċċaw mill-Kulleġġ fis-snin 1954 u 1955.**

**L-Old Boys taw rigal sabiħ tal-fidda — kaxxa tas-sigaretti — bi skrizzjoni fuqha lill-Kummissarju u din ġiet ippreżentata kif kien jixraq, minn ex-għalliem tagħhom, Brother Norbert, għan-nom tagħhom.**

**Saru kelmtejn minn uħud mill-mistednin u l-Kummissarju wera l-apprezzament tiegħu kemm bid-diskors imqanqal tiegħu u kemm bil-fatti meta rregala lil kulħadd ritratt kbir tal-kulur iffirmat minnu. Imbagħad l-Old Boys ġew mistiedna jiffirmaw il-Visitors Book.**





Forsi ilek ittella' u tniżżel li jkollok id-dar tiegħek. Wasal iż-żmien li twarrab il-ħolm fil-ġenb u tagħmel pass il-quddiem biex tikseb id-dar tiegħek.

Lohombus Corporation Limited tista' tgħinek biex tixtri jew tibni darek billi toħroġlok self għal tul ta' żmien skond il-mezzi tiegħek.

Tista' tikseb informazzjoni sħiħa mill-uffiċju tagħna u mill-fergħat kollha tal-Bank of Valletta Limited u tal-Mid-Med Bank Limited f'Malta u Għawdex.

**LHB LOHOMBUS CORPORATION LIMITED**

**Development House, Floriana. Tel.: 232673, 231412, 224291, 605013.**

# Chubb
**total security systems**




- Safes and Cabinets
- Burglar Alarms
- Fire and Gas Protection
- Electronic Systems

Racall-Chubb Security Systems Ltd.
*Representatives for Malta and Libya:*

**PHILIP TOLEDO LIMITED** Notabile Road, Mriehel.
Tel: 444747, 445566, 231312, 491525.




BREWED & BOTTLED BY
SIMONDS FARSONS CISK LTD
MRIEHEL MALTA
CISK
1980
1980
LAGER
...a taste
of success.

# CHARLES BUTCHER

## 2 BISAZZA STREET – SLIEMA

IMPORTERS OF:
•MILK FED DUTCH VEAL •BEEF
•NEW ZEALAND LAMB •GAME & POULTRY
BUTTER •GAMMONS •PARMA HAM
•BONELESS MUTTON •BONELESS LAMB
•FROZEN FISH •SALMON •PRAWNS •FROG
LEGS •FRESH BEEF & PORK •DOVER SOLES
•TROUT •HALIBUT •FROZEN BEEF
•FROZEN VEGETABLES

**HAS JUST RECEIVED THE WELL-KNOWN SCOTTISH ABERDEEN ANGUS BEEF FILLET AND SIRLOIN.**

**ALSO AVAILABLE CALF SWEETBREAD**

**ENQUIRIES TELEPHONE 334535-330635**



## The new Bruan Hand Blender – it makes other blenders look old fashioned.

Unlike old fashioned blenders this unique Braun Hand Blender can blend any quantity in any container; it has instant variable speed that gives you full control as you liquidise, blend, whip or whisk, and it simply rinses clean under the tap.

The new Braun Multipractic Deluxe Hand Blender, complete with wall bracket, beaker and whisk attachment.

Sole Agents & Distributors:

**KIND'S** 287 Republic Street, Valletta
Tel: 627118

AND AUTHORISED DEALERS

# ĦATRA TA' 17-IL SPETTUR U 96 SURĠENT FIL-KORP TAL-PULIZIJA



*L-Ispetturi u Surġenti ġodda waqt iċ-ċerimonja tal-ħatra tagħhom.*

F'ċerimonja li saret fid-Depot tal-Pulizija il-Furjana nhar it-Tnejn 4 ta' Lulju 1988, 17-il spettur ġdid ingħataw il-ħatra mill-Ministru G. Demarco li attenda għal din l-okkażjoni. L-ispetturi l-ġodda li l-ħatra tagħhom hija b'seħħ mit-2 ta' Ġunju huma, Alphonse Cauchi, Alfred Zammit, Joseph Grech, Ronald Cilia, Emanuel Cassar, Saviour Galea, Joseph Vella, Godfrey Scicluna, Carmel Farrugia, Joseph Buttigieg, Carmel Camilleri, Mario Bartolo, Paul Bartolo, Edwin Mamo, Joseph Borg u Horace Anastasi. Ma' dawn l-ispetturi, hemm il-maġġur Harrison li sar spettur tal-Pulizija b'rakkomandazzjoni tal-Public Service Commission. Rigward l-ispettur Harrison, il-Ministru Demarco qal li s-Sur Harrison huwa bniedem li għamel unur lill-Korp tal-Pulizija. Barra minn hekk huwa ta eżempju kbir lil kulħadd bid-dedikazzjoni, id-dekor u l-umiltà tiegħu.

Wara d-diskors tal-Ministru, il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja ħabbar il-promozzjonijiet ta' 96 surġent ġdid fil-Korp tal-Pulizija biex b'hekk il-Korp ikompli bil-ħidma tiegħu u b'hekk ikun aktar effiċjenti.





*(Xellug): Il-Viċi-Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern l-Avukat Guido Demarco waqt l-għoti tal-ħatriet ġodda, u (lemin): L-Avukat Demarco jippreżenta l-ħatra lill-Ispettur Harrison.*

# PULIZIJA NISA ĠODDA FIL-KORP





*Il-Viċi Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern, Dr. Guido Demarco L.LLD, M.P. jidher jindirizza lill-Pulizija Nisa li daħlu fil-Korp tal-Pulizija. Fir-ritratt tal-lemin jid hru l-Pulizija Nisa ġodda waqt iċ-ċerimonja ta' l-ingaġġ tagħhom.*

**•FIS-27 ta' Ġunju 1988, 69 rekluti nisa ngaġġaw fil-Korp tal-Pulizija wara li ngħataw il-ġurament ta' lealtà mill-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja.**

**F'diskors qasir li għamel il-Kummissarju tal-Pulizija, feraħ lill-membri l-ġodda għall-ħatra l-ġdida li ħadu u wara introduċa lill-Viċi Prim Ministru, Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja l-Avukat G. Demarco.**

Il-Viċi Prim Ministru beda biex qal li l-Korp tal-Pulizija mhux qiegħed hemm biex ineħħi l-libertà tal-poplu. Meta l-Korp tal-Pulizija jeżerċita d-dritt ta' l-arrest u tal-kontroll, dan jagħmlu fil-ħarsien tad-drittijiet tal-poplu u allura l-Korp hu forza tal-libertà.

Il-Viċi Prim Ministru żied li l-membri tal-Korp tal-Pulizija bid-drittijiet u s-saħħa tagħhom għandhom id-doveri li jħarsu l-libertà Kostituzzjonali, il-libertà tal-kelma, il-libertà ta' l-azzjoni, il-libertà ta' l-aġir, li ħadd ma jkun imsawwat jew misruq. Hu importanti li l-Pulizija jkunu dejjem fidili lejn il-poplu.

Il-Korp tal-Pulizija mhux ta' sezzjoni tal-poplu biss u d-doveri tiegħu jrid jaqdihom bla biża' jew favuri fil-konfront ta' kulħadd. Allura l-membri tal-Korp, biex ikunu rispettati minn kulħadd, iridu jimxu b'objettività fl-affarijiet li jwettqu.

Hu qal li l-Pulizija għandhom is-saħħa li jekk jaraw lil xi ħadd jikser il-liġi jarrestawh. Il-Pulizija għandu poteri li ċ-ċittadini l-oħrajn m'għandhomx.

Imma hu ħażin għal dak il-Pulizija li jaħseb li b'xi saħħa li tagħtih il-liġi, hu jista' jabbuża. Is-saħħa tfisser li l-Pulizija għandu aktar responsabbiltà xi jġorr. "Għaliex li jkollkom is-saħħa ma jfissirx li intom aħjar minn ħaddieħor. U l-Pulizija għandhom jifhmu xi tfisser ir-responsabbiltà li jġorru."

Guido Demarco qal li għaliex huma membri tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta jridu josservaw l-ordnijiet u l-ordinanzi kollha. Fost l-oħrajn hemm dik li l-membri tal-Korp ma jistgħux jattendu attivitajiet politiċi. Dan ma jfissirx li l-membri m'għandhomx ikollhom il-fehmiet tagħhom.

Ħadd fil-Korp ma jista' jieħu parti f'attività politika, tkun ta' liema partit ikun. Dan għandu jsir biex il-Pulizija fil-konfront tal-poplu jaħdem b'mod indipendenti u objettiv. U mhux jaħdem skond il-fehmiet politiċi tiegħu.

Il-Ministru qal li "b'hekk jinbena Korp serju u ta' l-affari tiegħu".

Il-Viċi Prim Ministru żied li l-grupp ta' 69 Kuntistabbli preżenti u li ħadu l-ġurament tal-ħatra kienu se jibdew il-ħidma tagħhom kważi bi privileġġ. Dan għaliex il-grupp se jattendi l-kors ta' taħriġ fl-Akkademja tal-Pulizija li se tibda tiffunzjona f'Sant'Jiermu.

It-tfajliet fil-Korp iridu jifhmu li huma għandhom funzjonijiet importanti xi jwettqu fil-Korp tal-Pulizija u jridu jifhmu li l-parti tagħhom fil-Korp hi essenzjali ħafna. Huma għandhom l-istess responsabbiltajiet li għandhom il-membri l-oħrajn tal-Korp.

L-iskop ta' l-Akkademja tal-Pulizija hu li tipprofessjonalizza lill-membri tal-Korp. Il-Gvern irid jagħti sens ta' professjoni lill-Korp u fost l-oħrajn dan isir billi l-membri jkunu mħarġa aktar f'aspetti diversi tal-Korp. B'hekk

*•ikompli f'paġna 28*

ĦARĠA SPEĊJALI "JUM IL-FONDAZZJONI TAL-KORP TAL-PULIZIJA" U "IL-FTUĦ TA' L-AKKADEMJA" – 12 TA' LULJU 1988

# IL-MULEJ ALLA FIL-ĠIMGĦA TAL-PULIZIJA

**Għall-ewwel darba fl-istorja tal-Pulizija, il-Korp tal-Pulizija ta' Malta kkommemora l-"JUM TAL-FUNDAZZJONI" tiegħu b'ġimgħa ta' attivitajiet bejn l-10 u s-17 ta' Lulju, 1988. Il-qofol ta' dawn l-attivitajiet kien proprju t-"12 ta' Lulju", il-174 anniversarju mit-twaqqif tal-Korp.**

**Kienet ġimgħa ta' attivitajiet li kellha bosta għanijiet warajha, fosthom:-**

a) biex jitfakkar il-jum tat-12 ta' Lulju, bħala l-"JUM TAL-FUNDAZZJONI" tal-Korp.
b) biex jitfakkar il-174 sena mit-twaqqif tal-Korp. (1814/1988)
c) biex tiġi mwaqqfa l-"Akkademja tal-Pulizija" fil-Forti St. Elmo.
d) biex il-Korp jerġa' jġedded il-vokazzjoni u l-lealtà tiegħu lejn Alla, il-poplu u l-ġurament.
e) biex bejn il-poplu u l-Korp jerġa' jkun hemm fiduċja reċiproka f'xulxin.
f) u fl-aħħar, imma mhux l-inqas, biex il-Korp tal-Pulizija jirringrazzja 'l Alla ta' l-imgħoddi, u fl-istess ħin, jitlob 'l Alla l-għajnuna u d-direzzjoni għall-preżent u l-futur.

minn **WALTER CAMILLERI**

Kienet xi ħaġa mhux tas-soltu, li attività tal-Korp tinkludi fiha tliet quddisiet. Bdejna l-Ħadd, 10 ta' Lulju, b'quddiesa ta' suffraġju fil-kappella taċ-ċimiterju ta' l-Addolorata, għall-erwieħ ta' l-ex membri tal-Korp u l-familjari tagħhom. Għax huma lkoll jagħmlu parti mill-istorja u l-ħidma tal-passat tal-Korp. U għalhekk, kien dmir tagħna li niftakru fihom. Il-quddiesa ġiet ċelebrata mir-reverendu patri Joe Alessandro, Vigarju Provinċjal tal-Kappuċċini. Il-qari tal-lezzjonijiet inqraw minn pulizija u minn pensjonant.

Mexxa l-kongregazzjoni l-Aġent Prim Ministru u Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja, Dr Gwido de Marco, LLD; M.P.; flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja u s-sinjura tiegħu. Preżenti għal din il-quddiesa kien hemm l-uffiċjali kollha, numru konsiderevoli ta' membri tal-Korp, pensjonanti tal-Korp u qraba tal-mejtin tagħna.

Immedjatament wara, il-Kummissarju tal-Pulizija, il-fizzjali, u numru sabiħ ta' membri tal-Korp u pensjonanti, kif ukoll qraba, niżlu fuq l-oqbra għal ċerimonja ta' tifkira li bdiet b'parata para-militari minn kontinġent tal-Pulizija, immexxi mill-Ispettur Harold Harrison, fejn sar xi talb b'suffraġju, it-tberik ta' l-oqbra u l-preżentazzjoni ta' kuruni tar-rand fuq il-monument ċentrali. Għall-ewwel darba f'okkażjoni simili, indaqqet il-"Last Post" u "Reveille", mis-surġent 152 Joseph Mintoff. Kienet ċerimonja ħelwa u sinifikattiva f'xemx tiżreġ.

**It-tieni quddiesa kienet waħda solenni, fil-Knisja Kon-Kattidrali ta' San Ġwann, f'"Jum il-Pulizija", it-Tlieta, 12 ta' Lulju, fis-7.00 p.m. Din il-quddiesa, li kienet konċelebrata, tmexxiet mill-Eċċ. Tiegħu Rev. Mons. Ġużeppi Mercieca, Arċisqof Metropolita ta' Malta, li kien assistit minn rapppreżentanza tal-Kapitlu tal-Kattidral u minn xi saċerdoti oħra. B'kollox ikkonċelebraw 20 saċerdot, li bosta minnhom, huma aħwa u/jew ulied membri u/jew ex-membri tal-Korp tal-Pulizija, li apprezzaw ħafna l-invit tal-Kummissarju. Kien invit mhux tas-soltu.**

Għal din l-okkażjoni f'San Ġwann, ġiet magħżula l-quddiesa "Għar-Radd il-Ħajr 'l Alla", li kienet segwita minn fuq ktejjeb apposta. Fil-knisja u fuq iz-zuntier intramaw il-bnadar ta' Malta u tal-Korp tal-Pulizija, kif ukoll bosta "flower arrangements" imħejjija mis-sinjura Imelda Cassar, biex jingħata aspett akbar ta' l-okkażjoni. Il-qari tal-lezzjoni u l-preżentazzjoni ta' l-offerti tmexxew minn membri tal-Korp,. kif kien xieraq.

Imma spikkat ħafna f'din il-quddiesa l-kelma ta' l-Arċisqof, li f'kelmtejn għall-okkażjoni, wera u talab lill-Korp tal-Pulizija biex ikompli jaqdi dmiru lejn is-soċjetà inġenerali, skond il-Kelma u l-Ispirtu ta' l-Evanġelju. "**...għax permezz ta' ħajja spiritwali tajba, li nkunu nistgħu niksbu u nżommu l-Ordni Pubbliku**". – (id-diskors sħiħ ta' l-Arċisqof qed nippubblikah f'paġna oħra).

Ta' nteress, u bl-aktar mod simboliku, tħejjiet it-"Talba tal-Fidili" għall-okkażjoni, li tagħmel sens f'kull żmien, li hi din:-

– Agħti Mulej, is-sliem lill-Knisja tiegħek, ħarisha, għaqqadha u mexxiha mad-dinja kollha.
– Dawwal il-fehma u qanqal ir-rieda ta' dawk li

għandhom is-setgħa f'pajjiżna, ħalli jħabirku dejjem għall-paċi u l-għaqda bejn il-bnedmin.

– Għall-membri tal-Korp tal-Pulizija, biex fil-qadi ta' dmirijiethom, iżommu ħaj il-Kelma u l-Ispirtu ta' l-Evanġelju, u biex bil-ħidma fejjieda tagħhom, iservu ta' ġid u eżempju għas-soċjetà.

– Għall-familjari tal-membri tal-Korp tal-Pulizija, biex jagħrfu jerfgħu bis-sabar u bil-qdusija l-problemi li jġib miegħu x-xogħol ta' pulizija.

– Għall-erwieħ ta' l-ex membri tal-Korp tal-Pulizija u l-familjari tagħhom, biex jirċievu l-premju ta' dejjem fi ħdan il-Ħallieq

## Il-Mulej Alla fil-ġimgħa tal-Pulizija

għall-eternità.

Fl-aħħarnett, il-quddiesa ntemmet bl-Innu Nazzjonali. Fost il-personalitajiet li attendew din il-quddiesa ħelwa, kien preżenti l-Aġent Prim Ministru Dr Gwido de Marco u s-sinjura tiegħu, il-Kummissarju tal-Pulizija, is-Sur Alfred Calleja u s-sinjura tiegħu, is-Sinjura Mary Fenech Adami, mart il-Prim Ministru, li kien imsiefer, id-Deputat Kummissarju u Kmandant ta' l-Akkademja tal-Pulizija, is-Sur Anthony Mifsud Tommasi, l-Assistent Kummissarju s-Sur Pawlu Attard u s-sinjura tiegħu, il-fizzjali kollha bin-nisa tagħhom, membri oħra tal-Korp, ilkoll bl-uniformi, numru ta' pulizija pensjonanti, u nies oħra.

Wara din il-quddiesa, li matulha u għaliha kien mistieden il-Kor ta' San Ġiljan taħt it-tmexxija ta' Dun Ġwann Galea, li għandu ħuh fil-pulizija li għen bosta biex il-funzjoni tal-knisja u fil-ftuħ ta' l-Akkademja jkunu aktar solenni, sar il-ftuħ ta' l-Akkademja tal-Pulizija fil-Forti St. Elmo.

**It-tielet u l-aħħar quddiesa saret il-Ħadd, 17 ta' Lulju, fil-kappella tad-depot, li ġiet ċelebrata mir-Reverendu Patri Anton Ciangura, rappreżentant tal-Provinċja Kappuċċina. Hawn ta' min ifakkar li l-Kappillan tal-Pulizija hija l-"Provinċja Kappuċċina", u dan, wara l-mewt tal-Kappillan Dun Fortunat Cachia, li miet fl-1983.**

Iż-żewġ omeliji ta' patri Alessandro u ta' patri Ciangura, sostanzjalment kienu fuq l-istess tema ta' l-omelija ta' l-Arċisqof, fejn ġabru r-ringrazzjament tagħna l-Pulizija 'l Alla ta' kollox f'kull żmien, kif ukoll magħna talbu 'l Alla għall-ġejjieni.

Għat-tielet darba f'ġimgħa, il-Ministru ta' l-Intern u Ġustizzja Dr de Marco, flimkien mal-Kummissarju tal-Pulizija u s-Sinjura tiegħu mexxew il-kongregazzjoni. Attendew ukoll numru sabieħ ta' fizzjali u membri oħra tal-Korp, kif ukoll bosta nies oħra, li ġew għall-"Open Day" fid-depot.

Kienet ġimgħa, li aktar minn ħwejjeġ oħra, ersaqna aktar lejn Alla u għamilna ħilitna biex flimkien ngħinu lil xulxin ninressqu l-Korp tal-Pulizija tagħna LEJH. Għax konvinti li ma hawn xejn fid-dinja li ma jibdiex f'Alla. Imma wkoll, ma hawn xejn fid-dinja li ma jispiċċax FIH.

Għalhekk, b'konvinzjoni nitolbu 'l Alla:-

**DOMINE**

**DIRIGE**

**NOS.**

## *PULIZIJA NISA ĠODDA FIL-KORP*

ukoll il-membri tal-Korp ikunu aktar responsabbli.

Il-Viċi Prim Ministru sostna li l-mara fil-Korp tal-Pulizija, kif jiġri f'pajjiżi barranin ukoll, għandna ċ-ċans li tavvanza u tibqa' miexja wkoll. Għandha ċ-ċans li tilħaq pożizzjonijiet għolja u l-Gvern irid jinkoraġġixxi biex il-mara taħdem b'entużjażmu ħalli tavvanza hi u l-Korp kollu.

Gwido Demarco qal li jeħtieġ li l-membri tal-Korp jifhmu li l-pajjiż għandu bżonnhom. "U intom dħaltu fil-Korp mhux biss biex sibtu impjieg iżda għaliex tridu tagħtu xi ħaġa lill-pajjiż permezz tal-qadi tad-doveri tagħkom fil-Korp."

Jeħtieġ li l-membri kollha tal-Korp ikomplu jaqdu dmirhom kif suppost u b'hekk ikunu apprezzati aktar. Min jaqdi dmiru ħaqqu kull tifħir u apprezzament. Iżda min jabbuża u ma jaqdix id-doveri tiegħu, għandu jkun mistmerr u ħaqqu l-kundanna. Min ma jimxix b'objettività mhux tajjeb għall-Korp għaliex fil-Korp hemm post għan-nies li huma serji u li jridu jaqdu kif suppost lil poplu Malti.

Hu qal li l-membri tal-Korp għandhom bosta oqsma fil-Korp fejn jistgħu jiżviluppaw it-talenti tagħhom. Fosthom hemm il-Forensika, it-Taqsima tal-Computers, id-Dipartiment ta' l-Investigazzjoni Kriminali, l-Iskwadra Kontra l-Vizzji u t-Taqsima tal-Frodi.

Il-kuntatti tal-Pulizija mal-membri tal-pubbliku għandhom ikunu pożittivi u dan jista' jsir l-aktar permezz ta' l-Għases tad-Distretti.

Il-Viċi Prim Ministru Demarco temm jawgura lit-tfajliet preżenti kull suċċess fil-ħidmiet tagħhom b'risq il-Korp tal-Pulizija u l-pajjiż.




# 72·4 MPG. from only Lm 2999

## (INTRODUCTORY OFFER)

An unbeatable offer on an irresistible car. For a limited period only the sensational Citroen AX supermini is available at a special price.

- Irresistible price — from only Lm2999
- Unbeatable economy — over 70mpg
- Hard to beat performance — over 112mph AX GT.
- Easy maintenance — under 2 hrs in the first 15,000 miles.
- Now available in 3 and 5 door versions; still unbeatable economy, great performance and superb drive.

Add to this high levels of specification and Citroen's legendary comfort, ride, roadholding and the best ratio of interior space for a car of its size.

Is it any wonder the Citroen AX has just been voted "Best small hatchback" and "Best budget car" in WHAT CAR? Cars of the Year 1988.

So visit **Continental Cars**, to take advantage of this offer of a lifetime on a winner the Citroen AX, by phoning, SALES MANAGER, Mr. Guido Mifsud on 316791 — 330021 — 336854.

But hurry, an offer like this won't last for long.

*Revolutionary!*

# AMSTRAD

## COMPUTERS



IBM COMPATIBILE, 640K,
DISK DRIVE, MONO/
COLOUR,EGA,DOS 3.2 MOUSE

PC 1640



IBM COMPATIBLE, 512K,
TWIN DRIVES, MONO COLOUR
CGA, DOS 3.2, MOUSE

PC 1512



MONITOR, 1 MEGABYTE
DRIVE, 512K AND
15" DAISYWHEEL PRINTER

PCW 9512 NEW



MONITOR, DISK DRIVE,
256K, AND 80 COL..
DOT MATRIX PRINTER

PCW 8256

DATALINK
COMPUTERS
70, TA' XBIEX SEAFRONT, MSIDA Tel: 339165
*AMSTRAD GUARANTEE*
*& SPARE PARTS SERVICE*

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR OCCASIONS
Bisazza Str . Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR LADIES WEAR
Bisazza Str , Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR CASUAL WEAR
Bisazza Str , Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR CHILDREN'S WEAR
Bisazza Str , Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
VALUE FOR MONEY
Bisazza Str , Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR MAGLIERIA
Bisazza Str., Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR ROBA DI MODA
Bisazza Str . Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
CLOTHES FOR ALL AGES AND OCCASIONS
Bisazza Str Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR MEN'S WEAR
Bisazza Str Sliema

ELOISE MODA ITALIANA
NEW STOCK
FOR BEACH AND SWIMWEAR
Bisazza Str Sliema

# Jum il-Fondazzjoni tal-Korp tal-Pulizija

**F'dan il-jum partikulari u għażiż għall-membri tal-Korp tal-Pulizija, huwa xieraq li aħna wkoll ex-membri nassoċjaw ħsibijietna li jmorru lura għas-snin twal li ħdimna f'dan is-servizz hekk importanti fil-ħajja tal-pajjiż.**

**Ta' min jinkoraġġixxi li l-Korp ikollu jum dedikat għalih u għandu jibqa' jiġi mħares għas-snin li ġejjin. Il-ħajja ta' pulizija mhux kulħadd jifhimha u hija diffikultuża biex tgħixha; trid bilfors tkun konxju għal dak li tkun qed tagħmel għax bl-insulti u kultant it-trattament ħażin min-naħa tal-poplu, il-ħajja ta' pulizija ssir tqila u iebsa mhux biss għall-membru li jkun iservi fil-Korp iżda wkoll għall-familja tiegħu. Ħadt pjaċir li ġejt mistieden biex bħala President ngħid xi ħaġa fuq Jum il-Pulizija.**

Jekk m'inhix sejjer żball l-ewwel organizzazzjoni li saret fil-Korp tal-Pulizija, kienet fi żmien il-Gvernatur Sir Thomas Maitland f'12-7-1814. Wara taħlita sħiħa ta' dipartimenti u amministrazzjonijiet ċivili, bi Proklama XXII ta' 1814, is-setgħat li kellhom spiċċaw u għaddew f'idejn żewġ taqsimiet – waħda tkun taħt Pulizija Eżekuttiva u l-oħra dik Ġudizzjarja.

minn
**LORRY MUSCAT**
President
Għaqda tal-Pulizija Pensjonanti




Il-Korp tal-Pulizija kien jitmexxa minn Spettur Ġenerali li llum magħruf bħala Kummissarju. Matul iż-żmien saret bidla radikali f'dawk li huma proċeduri u kundizzjonijiet tas-servizz.

Meta dħalt fil-Korp madwar 50 sena ilu, ma kien hemm xejn li jinkoraġġik li tidħol Pulizija, ħlief għax ma kienx hawn fejn taħdem; il-ħajja ta' pulizija kienet iebsa ħafna u l-kundizzjonijiet kienu mill-agħar. Biex tikkwalifika għall-pensjoni ż-żmien kien ta' 33 sena u 4 xhur, li damet sa sena 1948 meta Malta ħadet is-Self Government u ż-żmien tnaqqas għal 25 sena servizz. Il-ħinijiet tad-duty kien ta' min jikkundannahom, ħinijiet twal li l-other ranks' kienu jaħdmu anqas jitwemmnu fejn il-kundizzjonijiet li għandhom illum. Il-ħinijiet taxxogħol kienu ta' 12-il siegħa kuljum li jitqassmu f'4 siegħat kull watch, l-off duty kien jittieħed wara 9 ijiem xogħol.

Dak iż-żmien kellna ħafna fixed points speċjalment fejn il-pulizija kienu jidderieġu t-traffiku. Kundizzjoni oħra iebsa kienet li fis-sajf barra li l-uniformi kienet bl-għonq magħluq biċċinta, bejn it-8 a.m. u l-4 p.m. trid bil-fors tilbes l-elmu abjad flok il-beritta. Miżura oħra li matul l-4 siegħat mistrieħ kont trid toqgħod fl-Għassa. Il-paga kienet miżera ħafna, fid-dħul 4s (20c) kuljum u meta ssir regolari tkun ta' 5s (25c) kuljum. Biex issir 1st. jew 2nd class kont trid tkun irrikmandat mill-uffiċjali tiegħek, meta dan iseħħ il-paga tiżdied 6d (2c5) kuljum. It-trasport kien antikwat u ta' tbatija.



Wara l-gwerra kienu jintużaw vannijiet li l-A.R.P. kienu jużaw fil-gwerra u mhux l-ewwel

darba li dawn inqalbu, peress li kienu għoljin u b'roti żgħar ħafna. Dak iż-żmien ħafna pulizija kienu jużaw il-bicycle għat-trasport biex imorru għad-duty tagħhom; din kienet tkun jew tiegħu personali jew tas-servizz, għalkemm illum it-trasport huwa adekwat ħafna. Ftit huma dawk li jitolbu trasport tal-pulizija, għax il-maġġoranza tal-membri għandhom il-karozzi privati tagħhom.

## ☐ BIDLA RADIKALI

Ir-reklutaġġ kien jikkonsisti f'4 ġimgħat training, li kien aktar ikun ta' drill, peress li diversi membri tal-Korp kienu jipparteċipaw f'ħafna parati. Xi spetturi kienu jagħtuna lectures fuq proċeduri li jolqtu lill-Pulizija, fuq traffiku u d-doveri tal-Pulizija fuq il-beat. Dan it-taħriġ kien tajjeb għal dawk iż-żminijiet, żgur li mhux biżżejjed għaż-żmien tal-lum meta l-ħajja hija mgħaġġla ħafna. Matul dawn l-aħħar 30 sena, il-Korp tal-Pulizija nbidel radikalment fil-kundizzjonijiet kollha tas-servizz.

Fl-1955 il-Gvern kien ġab Malta lil Mr W.A. Muller, Spettur Ġenerali tal-Pulizija għall-Kolonji li ltaqa' ma' ħafna sezzjonijiet tal-Korp, biex jiġi organizzat u jkun effiċjenti fil-ħidma tiegħu. Minn dak iż-żmien 'l hawn il-Korp għamel avvanz u addatta ruħu skond iż-żmien. Dan Mr Muller għamel ħafna rakkomandazzjonijiet li aktar 'il quddiem ġew kważi mplimentati kollha mill-Gvern u b'hekk il-Korp ħa spinta 'l quddiem fl-image tiegħu. L-ewwel ma ġiet introdotta l-Assoċjazzjoni, li d-dmir tagħha kien li tħares lejn il-'welfare' tal-membri. Wara delegati mid-diversi sezzjonijiet iltaqgħu mal-Gvern u ddiskutew il-bżonnijiet u n-nuqqasijiet li kien hemm fil-Korp.

L-ewwel ilment li tressaq kien rigward il-paga. Il-Gvern offra somma ta' flus sostanzjali biex il-paga tiżdied u tkun adekwata ma' dak iż-żmien. Ġie deċiż ukoll li d-duty ta' l-'other ranks' kollha jkunu ta' tmien (8) siegħat kul-

# JUM IL-FONDAZZJONI TAL-KORP TAL-PULIZIJA

minn

**LORRY MUSCAT**

jum, u l-off duty jkun darba kull 5 ijiem u darba kull 6 ijiem minflok kull 9 ijiem. Jiġifieri jaħdmu 7 ijiem jew 46⅔ siegħat fil-ġimgħa. Miżura oħra inumana kienet, li kuntistabbli jidħol bħala riservista u hekk saż-żmien stabbilit (jiġifieri qabel għalaq il-25 sena) ma jsirx regulari (tal-fiss) setgħa jiġi mwaqqaf milli jkompli jservi fil-korp.

Kien hemm każi fejn dam riserva 6 snin u baqa' ma daħalx fil-korp. Il-gvern neħħa din is-sistema u minflok għamel li l-membri jidħlu b'sena probation. It-trasport għar-rinforsi ġie ameljorat ħafna billi bdew jintużaw karozzi tal-passiġġieri. L-uniformi saret bl-għonq miftuħ u spiċċat iċ-ċinta u ġiet introdotta l-ingravata u d-drapp ikun aktar fin.

Ameljoramenti oħra saru fid-dipartimenti u branches tal-korp bħalma huma: C.I.D; Fire Brigade; Traffic; u l-fotografija, etc. Ir-rekluti kienu jingħataw course bażiku, flimkien ma' xogħol regulari biex jieħdu l-esperjenza u wara jsir eżami biex ikollu l-opportunità li jifhem ix-xogħol ta' dak li jrid iħabbat wiċċu miegħu fil-karriera ta' pulizija. Ir-rinfors kien jiġi msejjaħ ħafna siegħat qabel ma l-O.R. jibda d-duty tiegħu; dan l-aħħar fuq l-inizjattiva tad-Deputat Kummissarju s-Sur Mifsud Tommasi r-rinfors qed jiġi ordnat ftit ħin qabel tkun se tibda l-attività u anke li 'stand down' jingħata f'ħin raġunevoli u mhux tintnesa fejn tkun dettaljat bħalma ġara lili u lil sħabi ex-membri.

Ta' min isemmi wkoll li llum il-korp huwa avvanzat ħafna f'dawk li huma laboratorji u makkinarji modernissimi. Wieħed ma jridx jinsa d-Dipartiment tal-Forensika li fih isiru eżamijiet u analisi li huma mportantissimi u neċessarji għall-fini tal-investigazzjoni. Iċ-ċittadin iħoss sodisfazzjon meta l-Forzi tas-Sigurtà għaż-żamma ta' l-ordni pubbliku jkunu mgħammra bl-apparat xjentifiku għax jaċċerta ruħu mill-protezzjoni li tisthoqqlu.

Fl-aħħarnett ma nistax ma nsemmix il-progress li sar biex l-Akkademja tal-Pulizija tibda tiffunzjona għall-benefiċċju tal-korp u taċ-ċittadin, għax barra li l-korp ikun aktar effiċjenti fid-dmirijiet tiegħu, min-naħa tal-poplu jakkwista dak ir-rispett u stima, għax ma jistax jistenna fiduċja, jekk il-poplu jibqa' b'dik il-mentalità li l-pulizija qiegħda biex tħarrek u tarresta biss u mhux biex tipproteġih. L-edukazzjoni li toffri l-akkademja lil membri tal-Korp iġġiegħelhom iħossuhom aktar familjari fix-xogħol tagħhom mal-pubbliku.

F'idejja għandi kopja ta' l-għan li għalih l-akkademja se tiġi organizzata – Korsijiet bażiċi għall-promozzjonijiet ta' l-Ispetturi u Surġenti u għall-Uffiċjali għolja għall-promozzjonijiet għoljin; korsijiet speċjali u riċerki; Il-liġi u l-proċeduri tal-pulizija u kif għandhom dawn jif-familjarizzaw ruħhom; edukazzjoni fiżika, parati, drill, gym u kif tiddefendi ruħek u kif teknikament tarresta; korsijiet fuq Fire brigade; traffiku; investigazzjonijiet fuq kriminalità u fuq affarijiet oħra li mħabba l-ispazju ma nistax insemmi kollox. Din l-akkademja żgur se jkun fiha dawk l-eżerċizzji ġeneriċi li bihom igawdi kulħadd.

L-akkademja se tkun taħt ir-responsabbiltà ta' Deputat Kummissarju s-Sur Anthony Mifsud Tommasi, li kulħadd jaf x'esperjenza għandu fil-Korp tal-Pulizija. Din ilha f'moħħu żmien twil għax bosta drabi tkellimna fuqha, huwa ħadem u stinka biex tirnexxi u fl-aħħar l-iskop laħqu. Aħna ċerti li taħt id-direzzjoni tiegħu żgur li se jibbenefika kemm il-korp u kemm il-kommunità ingenerali. J'Alla din tnissel fiduċja u rispett fost kulħadd.

Min-naħa ta' l-Għaqda nawguraw lis-Sur Tommasi suċċess fil-mixja iebsa li se jkollu f'din il-karriera ġdida u delikata tiegħu.

# GATT BROTHERS (MOSTA) LIMITED

GENERAL BUILDING CONTRACTORS

**FORT ROAD, MOSTA, MALTA**

Telephone 441132-440111

Cables: Limestone




**For all your**
**Timber & Building Material Requirements**

White Deal, Pitch Pine, American Oak, African & Brazilian Mohogany, Ramin, Beech, Iroko,
Ash, Parana, Plain & Veneer Chipboards, Melamine, Blockboard, Hardboard, Fibreboard,
Laminated Plastic, Plywoods, Asbestos Cement Water Tanks, Panelling Boards,
Sanding, Sealing & Polishing of Parquette and Malta Stone.



**FORESTALS**
BUILDING MATERIALS & SERVICES LTD.
'Forestals Building', Triq l-Iskultur, Marsa. Tel: 445620, 445685
**The Natural Choice.**

ĦARĠA SPEĊJALI "JUM IL-FONDAZZJONI TAL-KORP TAL-PULIZIJA" U "IL-FTUĦ TA' L-AKKADEMJA" — 12 TA' LULJU 1988

# Ix-xewqa ta' bosta membri tal-Korp tal-Pulizija ...issir realtà — 12 ta' Lulju 1814 — 12 ta' Lulju, 1988

***EDITORJAL***

## JUM IL-PULIZIJA

L-EDITORJAL ta' xi sena ilu kien ukoll iddedikat fuq dan is-suġġett meta kien ġie ssuġġerit it-twaqqif ta' JUM IL-PULIZIJA u għad li kien intlaqa' tajjeb, u saħansitra ssemma fil-Parlament, dan illum intesa.

Ikollna nammettu li f'Malta l-pulizija hija ftit nieqsa mir-relazzjonijiet pubbliċi u t-twaqqif ta' dan il-JUM, bi programm ta' attività li toħloq attrazzjoni u spettaklu għall-pubbliku, għandu ċertament jgħin biex il-pubbliku japprezza aktar ix-xogħol tal-Pulizija u dan ta' l-aħħar ma jibqax meqjus bħala dak li xogħlu hu biss li jirraporta lin-nies, iżda li jgħin lil kull ċittadin fi kwalunkwe sitwazzjoni.

Fl-imgħoddi l-pulizija kienet tiċċelebra, b'ċertu pompa, il-Festa tas-Salib u dan il-jum kien wisq mistenni minn ċerti nies u forsi bla ma riedu kienu qed jiċċelebraw Jum il-Pulizija. Illum din il-festa ma għadhiex tiġi ċċelebrata mill-Pulizija u għaldaqstant jinħass aktar il-bżonn li tiġi stabbilita ġurnata oħra bħala JUM IL-PULIZIJA.

Li nixtiequ naraw f'jum bħal dan huwa xi ħaġa fuq skala ferm akbar minn dak li kien isir fl-imgħoddi fejn jittellgħu wirjiet mid-diversi taqsimiet tal-Korp bħal m'huma dawk tal-klieb, kavallerija, muturi u oħrajn. F'dan il-jum jistgħu wkoll jitqassmu xi ċertifikati jew midalji lil dawk il-membri li b'xi mod urew xi att ta' qlubija jew xi att ieħor in konnessjoni max-xogħol tagħhom. M'hemmx għalfejn insemmu li ġranet bħal dawn jiġu ċċelebrati minn diversi korpi tal-Pulizija barranin.

Il-JUM għandu jkun it-12 ta' Lulju, id-data tat-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija ta' Malta mija u sitta u sittin sena ilu.

***Editorjal:*** **JUM IL-PULIZIJA**

Dan huwa l-ewwel editorjal ta' din is-sena, is-sena li fiha l-Korp se jfakkar għeluq il-mija u sebgħin sena mit-twaqqif tiegħu.

Is-suġġett tagħna huwa Jum il-Pulizija li f'xi ħarġiet imgħoddija ta' dan il-magazin kien ġie ssuġġerit it-twaqqif ta' dan il-jum, iżda li qatt ma ġie ttrattat bis-serjetà.

Kif intqal, din is-sena jaħbat għeluq il-mija u sebgħin sena mit-twaqqif tal-Korp tal-Pulizija f'Malta u hu mifhum li se jsir xi ħaġa biex dan il-170 anniversarju jiġi ċċelebrat. Tkun għalhekk idea sabiħa li dan il-jum jiġi wkoll iċċelebrat, għall-ewwel darba, din is-sena. Jum bħal dan huwa ċċelebrat minn diversi korpi ta' Pulizija barranin u ma narawx raġuni għaliex hawn Malta ma għandux isir l-istess.

F'ġurnata bħal din, minbarra xi attivitajiet soċjali għall-membri tal-Korp wieħed jistenna wkoll xi attività fejn il-pubbliku jkollu l-opportunità jara aktar mill-qrib il-ħidma tal-Pulizija u x'servizz joffri l-Korp għall-kommunità. Dan jista' jsir b'wirjiet jew attivitajiet simili fuq id-diversi taqsimiet tal-Korp biex anke titneħħa l-impressjoni ta' xi wħud li l-Pulizija qegħda biss biex tħarrek lin-nies. Hemm ħafna xogħol ieħor li tagħmel il-Pulizija u tajjeb li kieku darba f'sena wieħed ifakkar lill-pubbliku f'dawn is-servizzi li jagħti l-Korp lill-pubbliku.

***EDITORJAL:***

## JUM IL-PULIZIJA

Kemm-il darba ssemmiet l-importanza ta' aktar koperazzjoni bejn il-pubbliku u l-Pulizija u dan għal diversi raġunijiet, l-aktar importanti fosthom hija minħabba l-għajnuna li l-pubbliku jista' jagħti lill-Pulizija permezz ta' informazzjonijiet tajbin u f'waqthom li jistgħu jgħinu lill-Pulizija biex iżommu l-bon ordni fil-pajjiż.

Biex dejjem tikber din il-koperazzjoni jinħtieġ, barra milli l-pubbliku jinqeda sewwa mill-Pulizija, ta' aktar laqgħat bejn il-pubbliku u l-Pulizija f'liema laqgħat il-pubbliku jsir jaf b'dak kollu li jkun qed isir mill-Korp tal-Pulizija biex tħares lis-soċjetà. Sal-lum dawn il-laqgħat qed isiru biss minn tfal ta' l-iskejjel li ta' sikwit iżuru l-Kwartieri Generali tal-Pulizija fejn jaraw il-ħidma ta' diversi oqsma tal-Pulizija.

Li nixtiequ naraw huwa xi ħaġa ferm akbar fejn il-pubbliku jiġi mistieden jara kif jaħdmu d-diversi oqsma tal-Pulizija permezz ta' wirjiet, films u esebizzjonijiet. F'wirjiet bħal dawn ma għandhomx jonqsu dawk mill-klieb tal-Pulizija, muturi tat-traffiku, it-taqsima tat-tifi tan-nar u oħrajn.

Xi sena ilu kien hemm ħsieb li tiġi organizzata wirja tal-'hobbies' tal-Pulizija iżda għal xi raġuni baqa' ma sar xejn minkejja li hawn materjal biżżejjed biex issir din il-wirja u li forsi jonqos huwa daqsxejn ta' inkoraġġiment.

Kemm aħna kif ukoll ħafna oħrajn jixtiequ jaraw dik il-laqgħa ta' darba f'sena bejn il-pubbliku u l-Pulizija f'ġurnata msejħa JUM IL-PULIZIJA fejn jiġu organizzati l-wirjiet li semmejna u fl-egħluq ta' din il-ġurnata ssir parata mill-Pulizija li tkun qed tiċċelebra l-JUM TAGĦHA.

Tgħid għad naraw it-12 ta' Lulju, il-jum meta twaqqaf il-Korp tal-Pulizija, bħala JUM IL-PULIZIJA?



*It-tfal li attendew għall-Party nhar Ħadd il-Għid*

## Attivitajiet organizzati mill-Entertainment Committee matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1988

**Mal-ħatra ta' l-Entertainment Committee 1988, il-membri responsabbli ta' dan il-Kumitat bdew jippjanaw xogħol li għandhom jagħmlu matul is-sena.**

### ĦARĠA GĦAT-TFAL TAL-MEMBRI TAL-KORP

● Infatti, insibu li l-ewwel attività organizzata, kienet ħarġa għat-tfal tal-membri tal-Korp biex iżuru mwejjed u statwi tal-Ġimgħa l-Kbira. Numru sabiħ ta' madwar ħamsin (50) tifel u tifla attendew għal din iż-żjara nhar il-Ġimgħa l-Kbira fejn ġew imdawwra 7 knejjes differenti u li fl-aħħar ħin ta' din il-ħarġa ġew meħuda jżuru il-ġonna ta' Sant Anton.

### PARTY GĦAT-TFAL

● Attività oħra kienet dik għat-tfal ukoll tal-membri tal-Korp. Din kienet tikkonsisti f'party li sar nhar il-Ħadd 3 ta' April, 1988, jiġifieri nhar Ħadd il-Għid.



**The Commissioner of Police, Mr Alfred A. Calleja on Wednesday, 8th June 1988, presented the sum of Lm97 to the Mother Superior, Sister Rosalie Galea accompanied by Sister Patrizia Cassar from the Ursuline Sisters Creche of G'Mangia.**

**The sum presented had been raised by members of the Squad which was under the charge of Mr Alfred Calleja before his appointment to Commissioner of Police.**

**Also present at this presentation were Mr Raymond Vella, Director of Il-Fekruna Restaurant, Xemxija, St. Paul's Bay, and his brother Emmanuel, who presented to Sister Rosalie Galea the sum of Lm102, which sum had also been raised by members of the same Squad after its disbandment, during a dinner held at Il-Fekruna Restaurant, in honour of the newly appointed Commissioner of Police.**

# Attivitajiet organizzati mill-Entertainment Committee matul l-ewwel sitt xhur tas-sena 1988



Il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred A. Calleja flimkien ma' martu is-Sinjura Ina Calleja u mistednin oħra waqt l-ikla, filwaqt li isfel jidher il-Kummissarju jindirizza lil dawk preżenti waqt l-istess ikla.

Għal dan il-party attendew numru ta' mija u erbgħin (140) tifel u tifla, li barra l-party mħejji għalihom ġew mogħtija kotba u figolla għall-prezz ta' 50c kull persuna.

## EASTER BALL

● Attività oħra organizzata mill-Entertainment Committee kienet l-Easter Ball li sar fil-Phoenicia Ballroom f'Ħadd il-Għid. Għal dan il-Ballu setgħu jattendu membri tal-Korp, familjari u 2 guests. Madwar 600 attendew għal dan il-Ballu li ġie organizzat għall-ewwel darba fl-Għid. Preżenti għal dan il-Ballu kien hemm fost oħrajn il-Prim Ministru, u xi uffiċjali għolja tal-Korp.

## DINNER DANCE

● Ir-raba' attività organizzata kienet dik tat-22 ta' Mejju 1988 fejn il-kumitat ħaseb li jagħmel Dinner Dance għad Unur il-Kummissarju tal-Pulizija s-Sur Alfred Calleja bħala Kummissarju ġdid. Id-Dinner Dance sar fil-Jerma Palace Hotel li għalih attendew 250 persuna għall-prezz ta' Lm4.50.

Waqt dan id-dinner dance il-Kummissarju ġie ppreżentat b'sett cufflinks miċ-Chairman ta' l-Entertainment Committee l-Ispettur A. Zammit għan-nom tal-membri tal-Korp. Barra minn hekk ġie ppreżentat ukoll bi Grand Father Clock mis-Surġent 649 M. Saliba għan-nom ta' l-Assoċjazzjoni tal-Pulizija li tirrappreżenta lill-membri tal-Korp.



Wara dawn il-preżentazzjonijiet, kien imiss lill-Kummissarju li jagħmel żewġ kelmiet ta' l-okkażjoni. Is-Sur Calleja barra li rringrazzja liż-żewġ kumitati tar-rigali li rregalawlu, irringrazzja lill-membri preżenti għal din l-okkażjoni u lil dawk il-membri li għal xi mod jew ieħor ma setgħux jattendu.

Barra dawn l-attivitajiet li saru, il-Kumitat għandu ppjanat affarijiet oħra li għandu jagħmel fejn membri tal-Korp ikunu jistgħu jiltaqgħu ma' sħabhom u jiddevertu flimkien.

ORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTSP
PORTSPORTSPORTSPORTSPORTSPORTS
TSPORTSP **Inspector Ronald Cilia** TSPOIRTSPORTSPOR




*Fuq tidher il-bidu tal-Maratona, filwaqt li isfel jidher PC 915 J. Abela waqt il-Maratona.*




***IT-TIELET EDIZZJONI TAL-MARATONA TA' MALTA 1988***

# IL-PULIZIJA RAPPREŻENTATA

**It-tielet edizzjoni tal-Maratona ta' Malta saret nhar il-Ħadd 21 ta' Frar, 1988. Għal din is-sena ħadu sehem 207 atleta li 170 minnhom irnexxielhom jispiċċaw il-korsa kollha. Ta' min jinnota li l-aħħar atleta li daħlet kienet Madge Sharpless xwejħa ta' 72 sena li rnexxielha tiġri u timxi l-korsa kollha f'aktar minn ħames sigħat. L-ewwel tlett atleti li daħlu kienu dawn: Terry Mitchell f'ħin ta' 2:20:35, it-tieni Joseph Perske f'ħin ta' 2:24:08 u t-tielet Raymond Dzkowski f'ħin ta' 2:27:54.**

**Bħas-snin ta' qabel il-Korp tal-Pulizija kien rappreżentat minn żewġ atleti P.C. 964 E. Scicluna u P.C. 915 J. Abela fejn it-tnejn irnexxielhom jispiċċaw il-korsa kollha b'ta' l-ewwel jispiċċa fil-130 post f'ħin ta' 3:52:43 u l-ieħor fil-134 f'ħin ta' 3:55:25.**

**Nixtieq qabel ma nagħlaq li għan-nom tal-Korp tal-Pulizija nifraħ lil dawn iż-żewġ atleti għall-persistenza u dedikazzjoni kontinwa li wrew matul ix-xhur ta' qabel il-Maratona u nawguralhom riżultati aħjar għall-Maratona li jmiss. Fl-aħħar nixtieq li dawn iż-żewġ membri tal-Korp ikunu ta' ispirazzjoni għal membri oħra tal-Korp biex fl-edizzjoni li jmiss ikollna aktar atleti minn fost il-Korp tal-Pulizija.**

## MR. MALTA 1988

**B'riferenza għall-artiklu li deher fil-ħarġa Vol. 7 No. 3, nixtieq nirringrazzja wkoll lil Dr. France Portanier L.LD. tad-ditta Diet 7-Up għall-għajnuna li ta lil P.C. 1209 A. Camilleri biex seta' jikkontesta fil-kampjonat Nazzjonali tal-Body Building 'Mr. Malta 1988'.**


AIRMALTA
We promise you
a warm welcome.

# This book tells only part of the story




Mid-Med Bank provides an ever increasing range of banking services, assisting the individual whatever his needs may be.

Whatever your business or occupation, there's a Mid-Med Bank service that can help you.

Get the full story from any of our 44 branches and offices in Malta and Gozo.

**Mid-Med Bank**
Malta's Largest Bank.